# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 857

Marzu 2004






## Il-Qima ta' l-Għawdxin lejn San Girgor





Kampanja ta' Sagrifiċċji
matul ir-Randan
"Kull ma għamiltu ma' l-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi"
(Mt 25, 40)
CARITAS
GHAWDEX

# f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Mill-Knisja fid-Dinja • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
Iċ-Ċentinarju ta' San Girgor • 12
Jeħtieġ Nistħarrġu x'Fidi Għandna • 15
Għandna min-nies jew mill-bdabad? • 16
Sejbiet ta' l-Era Rumana fiċ-Ċittadella • 18
Versi Riflessivi • 19
ACM: Il-Personaġġi tal-Passjoni • 20
Bookmark: "Ngħixu fil-Mulej" • 22
Għawdex 300 sena ilu – Importazzjoni tal-Ġobon • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim tat-Twemmin Nisrani (25) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (24) • 26
Għawdex... Kif nafu u narah jien (3) • 30
Xhieda Nisranija: Madre Ġemma Camilleri (3) • 32
Għawdxin li għadna niftakru (13) -
Joe "Qassisu" • 34
"Ġużeppi Bin David" • 36
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn Madwar id-Dinja • 42


SEMINARY READING ROOM


**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 857***
***Marzu 2004***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**
**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fit-28 ta'Frar 2004*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
**Iċ-Ċentinarju ta' San Girgor fil-Parroċċa ta' Kerċem (ara l-Intervista, pp. 12-14)**


# "Kull Ħaddiem Ħaqqu Ħlasu"
## Is-Sostentament tal-Kleru Djoċesan

## EDITORJAL

*Nhar Ħamis ix-Xirka, il-Knisja Kattolika fid-dinja kollha tfakkar ta' kull sena t-twaqqif ta' l-Ewkaristija u tas-Saċerdozju. Fid-Djoċesi tagħna jiġi ċċelebrat "Jum is-Saċerdoti", u f'din l-okkażjoni partikulari l-insara jiġu mħeġġa aktar mis-soltu biex joffru talb speċjali għas-saċerdoti djoċesani u regolari, u f'dak l-istess jum, jew f'xi jum ieħor fil-qrib, tinżamm ukoll ġabra għall-kleru.*

*Żgur li ħadd ma jgħaddilu minn moħħu li jiċħad il-jedd li anki l-qassisin ikollhom dak li hu meħtieġ għal ħajja deċenti, skond l-istat tagħhom. Difatti San Pawl jgħallimna li "il-ħaddiem ħaqqu ħlasu" (1 Tim. 5,18). Id-digriet tal-Konċilju Vatikan II, "Presbyterorum Ordinis" (n.20) iżid: "Il-Presbiteri, mogħtijin għas-servizz t'Alla fil-qadi ta' l-uffiċċju fdat lilhom, ħaqqhom jirċievu rimunerazzjoni xierqa, għax "il-ħaddiem ħaqqu ħlasu", u għax il-Mulej ordna li dawk li jxandru l-Evanġelju "jgħixu mill-Evanġelju" (1 Kor 9.14). Għalhekk, sakemm ma jkunx maħsub xorta oħra għal rimunerazzjoni xierqa tal-Presbiteri, il-fidili stess li għall-ġid tagħhom huma jkunu qegħdin jaħdmu, għandhom tassew l-obbligu li jaħsbu biex lill-Presbiteri jingħatawlhom il-mezzi meħtieġa biex jgħixu onestament u kif jixirqilhom". Il-Liġi tal-Knisja ukoll issemmi dan il-jedd tal-kleru u d-dmir li l-insara għandhom lejhom fil-Kanoni 281. Biex jintlaħaq dan il-għan, diversi snin ilu kien ġie mwaqqaf il-Fond tal-Kleru Djoċesan.*

*Matul is-snin, fid-Djoċesi Għawdxija saru diversi tentattivi biex is-sistema tar-rimunerazzjoni tal-kleru titjieb, iżda peress li r-riżorsi huma limitati, għadu ma ntlaħaqx il-livell mixtieq, u ma kienx possibbli sallum li l-qassisin kollha li għadhom ma laħqux l-età ta' l-irtirar jew il-pensjoni, jkollhom salarju regolari u li jikkompara tajjeb ma' dawk ta' nies tal-professjoni jew li għandhom kariga ta' responsabilità. Dan b'eċċezzjoni ta' dawk is-saċerdoti Għawdxin li għandhom impieg mal-Gvern bħala kappillani ta' l-isptar, għalliema fl-iskejjel governattivi, kif ukoll dawk li huma lecturers fl-Università jew għalliema "full-time" fl-iskejjel sekondarji tal-Knisja.*

*Irridu ngħidu li s-saċerdoti Għawdxin, barra dawk li għalihom saret referenza iktar il-fuq, jirċievu emolumenti mill-Kurja jew mill-parroċċa fejn jagħtu s-servizz tagħhom. Il-Kurja minn naħa tagħha, barra milli tirregola dak li joffru l-prebendi li jirċievu l-membri tal-Kolleġġjati, tieħu ħsieb li tipprovdi l-pagi għall-Kappillani, vigarji parrokkjali, lecturers tas-Seminarju Maġġuri, saċerdoti impjegati mal-Kurja, u saċerdoti oħra b'inkarigi djoċesani. Il-Kurja tissussidja wkoll l-emolumenti tar-retturi tal-knejjes li ma humiex parroċċi. Dan kollu barra l-piż li għandha li tħallas il-bolla, u sussidji oħra li jingħataw lill-qassisin morda għall-ispejjeż tal-mediċini. Barra minn hekk, il-Kurja talloka wkoll xi flus biex tgħin il-Fondo Kleru Parrokkjali.*

*Meta nżommu quddiemna dawn l-esiġenzi, jixraq li nilqgħu l-appell li l-Isqof tagħna, l-E.T. Mons Nikol Ġ Cauchi kien għamel f'ċirkulari tat-28 t'Ottubru 1968 bit-titlu: "Ir-Rispett lejn is-Saċerdoti",: "Huwa dmir ta' l-Insara li jieħdu ħsieb li s-Saċerdoti ma jonqoshomx dak li huwa meħtieġ biex jgħixu ħajja deċenti. Dan huwa obbligu ta' rikonoxxenza li kull min iħobb ir-reliġjon iwettqu bil-qalb".*




# Il-Ħajja fid-Djoċesi

Seminarista Joseph Curmi

### *Laqgħa ta' Programmazzjoni Pastorali fil-Qala*

Nhar il-Ħadd 25 ta' Jannar, il-Parroċċa tal-Qala organizzat laqgħa għall-lajċi nvoluti fil-ħidma pastorali tal-parroċċa. Din il-laqgħa saret fil-kappella tal-patrijiet tal-MSSP ġewwa iż-Żebbuġ. F'din il-laqgħa ta' programmzzjoni pastorali kien hemm preżenti l-membri tal-kunsilli u l-għaqdiet pastorali, u saru diskorsi fuq temi għal kull sezzjoni; għall-familja, għall-katekisti, għaż-żgħażagħ u anki għal dawk tat-tielet età. Fost l-oħrajn tkellmu Dun Joe Zammit u l-E.T. Mons Isqof li aċċennaw għall-Pjan Pastorali Kwinkwennali.

### *Ċentinarju mit-Tberik tal-Knisja tal-Fontana*

Din is-sena qed jiġi ċċelebrat l-ewwel ċentinarju minn mindu l-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana Għawdex ġiet iddedikata mill-E.T. Giovanni Maria Camilleri, Isqof ta' Għawdex. Biex titfakkar din iċ-ċirkostanza, nhar il-Ħamis 29 ta' Jannar saret quddiesa konċelebrata immexxija minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, fejn fl-omelija hu tkellem dwar kif iċ-ċerimonja tad-dedikazzjoni tfakkar fil-Magħmudija u fil-Griżma tal-Isqof, peress li anki n-nisrani hu tempju t'Alla u kif jgħid San Pawl "l-Ispirtu s-Santu jgħammar fih". Fl-okkażjoni tal-istess ċentinarju, il-Ħadd 25 ta' Jannar saret Akkademja Mużiko-Letterarja li fiha fost l-oħrajn kanta l-*Chorus Urbanus* kif ukoll inqraw xi poeżiji u saru xi diskorsi minn Ġanni Cremona, Mons. Joseph Bezzina u l-E. T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

### *Il-Missjoni l-Kbira fl-Għarb*

Bejn is-Sibtijiet 17 u 31 ta' Jannar inżammet il-Missjoni il-Kbira ġewwa l-Parroċċa tal-Viżitazzjoni fl-Għarb. L-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ħa sehem f'din l-attività billi kemm fil-ftuħ kif ukoll fl-għeluq tagħha huwa ħa sehem f'konċelebrazzjonijiet u wassal il-ħsibijiet tiegħu għall-okkażjoni. Barra minn dan matul dawn il-ħmistax il-ġurnata sar tagħlim għal kull sezzjoni tal-parroċċa minn ħafna saċerdoti differenti, u sar quddies għall-morda, qrar u anki żjajjar fil-ħwienet tal-parroċċa.

### *Jum il-Ħajja ċċelebrat f' Għawdex*

"Jum il-Ħajja" fid-Djoċesi ta' Għawdex ġie ċċelebrat nhar il-Ħadd 1 ta' Frar, u Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-Parroċċa tal-Qala. Fl-omelija l-E.T. ta messaġġ dwar id-dmir li niddefendu l-ħajja umana mill-bidu sat-tmiem tagħha. Din il-konċelebrazzjoni kienet imxandra fuq l-istazzjon tar-radju kommunitarju tal-istess paroċċa 'Leħen il-Qala'. Fil-parroċċi kollha sar talb b'riparazzjoni għall-abort u twassal messaġġ mid-"Dar Ġużeppa Debono".

### *Jum il-Persuni Konsagrati*

Nhar it-Tnejn 2 ta' Frar, Jum il-Gandlora, f'Għawdex ġie ċċelebrat ukoll jum il-persuni ikkonsagrati. Għal din l-okkażjoni, l-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi iċċelebra quddiesa fil-Katidral t'Għawdex li għaliha attendew għadd sabiħ ta' patrijiet u sorijiet. Fil-messaġġ li ta, hu semma l-valur kbir li l-Knisja tagħti lill-ħajja ikkonsagrata.

### *Il-Moviment Ewkaristiku f'Għawdex Jagħlaq 40 sena*

Peress li din is-sena il-Moviment Ewkaristiku Djoċesan Għawdxi għalaq l-40 sena mit-twaqqif tiegħu, il-Ġimgħa 6 ta' Frar ġiet iċċelebrata quddiesa ta' ringrazzjament u talb fil-knisja ta' Ħamet. Dan il-moviment beda minn sempliċiment siegħa adorazzjoni fil-Knisja ta' Savina li aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar bdiet tiżdied. Minn Savina il-moviment beda jdur l-irħula t'Għawdex, u anke l-Ħdud filgħaxija kienu jmorru f'xi kappelli. Saħansitra kienet issir adorazzjoni għat-tfal. Illum dan il-moviment, li Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ixebbħu ma' żerriegħa tal-mustarda li kibret u għamlet siġra kbira, qed jiltaqa kuljum fil-knisja ta' Ħamet għall-quddiesa u wara adorazzjoni. Barra minn hekk fis-sibtijiet kollha tas-sena, il-moviment imur fil-knejjes parrokkjali, kappelli u knejjes fejn jagħmlu nofs ta' lejl adorazzjoni.

### *Ċentinarju mid-Dedikazzjoni ta' Savina*

Nhar is-Sibt 7 ta' Frar Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ċċelebra quddiesa ġewwa l-knisja ta' Savina fl-okkażjoni tal-100 sena mid-dedikazzjoni ta' din il-knisja tal-Adorazzjoni Perpetwa.





### *Preżentazzjoni u Tberik tat-Trabi*

Nhar l-Erbgħa 4 ta' Frar, fl-okkażjoni tal-festa tal-Preżentazzjoni ta' Kristu fit-tempju, għadd sabiħ ta' ommijiet ippreżentaw lit-trabi u t-tfal tagħhom lil Sidtna Marija fil-knisja Ta' Pinu. Dawn ħadu sehem ukoll f'quddiesa li qaddes l-E. T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi. Fl-omelija Mons. Isqof wera l-importanza ta' trobbija nisranija li għandha tiġi mogħtija lill-ulied ta' familji tassew insara.

### *Jum il-Morda*

Id-Djoċesi ta' Għawdex, il-Ħadd 8 ta' Frar iċċelebrat "Jum il-Morda" permezz ta' quddiesa lill-morda tad-djoċesi fil-parroċċa tax-Xagħra. Imbagħad l-Erbgħa 11 ta' Frar, il-festa tal-ewwel deħra tal- Madonna f'Lourdes, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ċċelebra quddiesa fil-knisja iddedikata lilha fl-Imġarr Għawdex. Fiha hu tkellem dwar il-ħwejjeġ tal-għaġeb li twettqu ġewwa Lourdes bl-interċessjoni tal-Madonna fosthom konverżjonijiet u fejqan mirakoluż. Żgur li l-ikbar fejqan f'Lourdes huwa dak spiritwali ta' eluf li marru hemmhekk.

### *Laqgħa lid-Diretturi Spiritwali*

Il-laqgħa lid-diretturi spiritwali tal-baned u tal-futbol saret nhar l-Erbgħa, 11 ta' Frar, fis Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. F' din il-laqgħa ssemmew diversi punti li jolqtu direttament lil dawn l-għaqdiet u d-diretturi spiritwali tagħhom. Fost l-oħrajn issemma l-fatt li tinħass il-ħtieġa u l-opportunità pastorali li d-diretturi spiritwali jkollhom ħinijiet li fihom ikunu preżenti fil-bars tal-każini, biex jinħoloq aktar rapport ta' fiduċja u djalogu ma' dawk il-persuni li jiffrekwentaw dawn il-postijiet. Jinħtieġu saċerdoti ddedikati għal dan l-apostolat.

### *Konsagrazzjoni tal-Artal taċ-Ċimiterju f'San Lawrenz*

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Frar, l-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi iċċelebra quddiesa ġol-kappella taċ-Ċimiterju ta' San Lawrenz fejn bierek u kkonsagra l-altar il-ġdid. Ma' Mons. Isqof ikkonċelebraw il-Kappillan Dun Mikiel Borg u Dun Ġużepp Piscopo.



### *Kappillan Ġdid fl-Għasri*

Fr Edward Xuereb inħatar bħala l-kappillan il-ġdid tal-parroċċa ta' l-Għasri li għal dawn l-aħħar 12-il sena kienet f'idejn Dun Ġużepp Cini, li issa nħatar *religious counsellor* fl-iskola sekondarja tas-subien fir-Rabat.

Fr Xuereb, ta' 34 sena, wettaq ħidma pastorali fil-parroċċa tax-Xewkija u ta servizz bħala vigarju parrokkjali u vigarju kooperatur fil-parroċċa ta' Santa Lucia f'Ruma.

Hu wkoll imħallef fit-Tribunal Ekkleżjastiku ta' Għawdex, Segretarju tal-Kunsill Presbiterali u jgħallem fis-Seminarju Maġġuri. Hu kien ordnat saċerdot fl-1995.

Majestic too Electronics Centre
Video & DVD Rentals,
*Sales of*: TV's, VCR's, Hi-Fi,
Mobile Phones & Air-Conditioners
*F.Mizzi Street, Victoria, Gozo - Malta.*
Tel: 2156 6616 Mob:79461299

**Authorized Dealers in Gozo for**
SAMSUNG *Satellite Receivers*
SANYO *TV. DVD. VIDEO. AUDIO*
Pioneer *Sound and Vision*
Roadstar *Hi-Fi's of All Kinds*

***REPAIR CENTRE FOR MOBILES, TV's, VIDEOS, DVD's, HI-FI's, etc.***

# X'ġara dan l-aħħar



Lelio Spiteri

## *Premju "Ġieħ il-Qala 2003" mogħti lis-Sur Horace Mercieca*

Ta' kull sena, matul ix-xahar ta' Diċembru l-Kunsill Lokali tal-Qala jagħti l-unur "Ġieħ il-Qala". Din id-darba l-persuna magħżula kienet is-Sur Horace Mercieca, ex-assistent direttur ta' l-edukazzjoni u persuna li okkupat diversi karigi f'għaqdiet reliġjużi, edukattivi u sportivi. Hu okkupa l-kariga ta' President tal-Kunsill Skolastiku għall-iskola primarja President Anton Buttigieg, u hu membru attiv fil-Leġjun ta' Marija. Is-Sur Mercieca għamel żmien *player* u aktar tard kowċ tat-tim tal-Qala St. Joseph F.C., fejn anke fl-istaġun 1976-1977 tellagħhom fl-ewwel diviżjoni għall-ewwel darba fl-istorja tagħhom. Iċ-ċerimonja ta' l-għoti "Premju Ġieħ il-Qala" saret il-Ħadd 21 ta' Diċembru 2003 fil-librerija ta' l-iskola primarja tal-Qala, u għaliha kienu mistiedna l-kunsilliera, l-Arċipriet Dun Karm Refalo; l-kleru u l-membri tal-kumitati soċjali, sportivi, kulturali u politiċi.

## *Premju "Ġieħ Għajnselmiż" mogħti liż-żagħżugħ Rudolph Cauchi*

Ċerimonja li nżammet fl-ewwel Ġimgħa ta' Diċembru kienet il-premju "Ġieħ Għajnselmiż" imniedi mill-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem. Din is-sena l-premju ngħata lil Rudolph Cauchi li jaħdem b'mod volontarju f'diversi ħidmiet fir-raħal ta' Għajnsielem, b'mod partikulari fl-Għaqda ta' l-Armar. Iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni ta' dan il-premju saret fiċ-Ċentru Maria Lauretana fis-6 ta' Diċembru. Rudolph Cauchi għandu 26 sena, ġej minn familja ta' ħames persuni u jaħdem bħala pustier fit-taqsima t'Għawdex tal-*Maltapost*.



## *"Recent Insights"- wirja artistika ta' Mark Sagona*

Dan huwa l-isem ta' wirja ta' arti li ttellgħet fil-Banca Giuratale Victoria bejn l-24 ta' Jannar u t-8 ta' Frar. Ix-xogħlijiet esebiti kienu ta' l-artist żagħżugħ Mark Sagona, li ppreżenta bosta kwadri mnebbħa mill-ambjent Malti u Għawdxi.

## *Ftehim ta' Kooperazzjoni*

It-Tnejn 2 ta' Frar fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, Malta sar ftehim ta' kooperazzjoni bejn dan il-Kunsill Lokali u l-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz, Għawdex. Il-ftehim iffirmat mis-Sindki u s-Segretarji rispettivi ta' dawn il-kunsilli, jagħmilha possibbli li jiġu organizzati żjarat reċiproċi f'Għawdex u f'Malta, isiru attivitajiet u jittieħdu inizjattivi li jġibu 'l quddiem liż-żewġ lokalitajiet. Dawn l-attivitajiet ser jinvolvu lil kull kategorija ta' nies fiż-żewġ lokalitajiet.

## *Premju "Qalb tad-Deheb"*




Il-koppja Mario u Mary Rose Borg mix-Xewkija rebħet dan il-premju għas-sena 2003. Dan il-premju jingħata kull sena mill-Moviment ta' Kana ta' Għawdex. Il-koppja Borg tagħmel sagrifiċċji kbar biex tikkura lil binthom li għandha diżabilità serja u teħtieġ attenzjoni kontinwa. Il-premju ġie ppreżentat mill-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali Dr. Lawrence Gonzi waqt serata li saret is-Sibt 24 ta' Jannar f'lukanda ewlenija hawn Għawdex. Dr. Paul Pisani, *Chairman* tal-Bord ta' l-Għażla, qal li kienu ħamsa n-nominazzjonijiet għal dan il-premju. Fr George Borg, Direttur ta'Kana f'Għawdex, għamel l-introduzzjoni. Il-*Chorus Urbanus* żewwaq is-serata b'siltiet mużikali.

## *President Ġdid tal-G.B.C.*

Dr. Michael Caruana ġie elett bħala l-President il-ġdid tal-*Gozo Business Chamber,* il-Ħamis 29 ta' Jannar. Dr. Caruana huwa ċ-*Chairman* ta' Joseph Caruana Co. Ltd. u Direttur Maniġerjali fil-Lukanda Calypso. Huwa ilu membru tal-Kamra tal-Kummerċ Għawdxija sa mill-1999, u serva bħala Viċi-President ta' l-istess kamra fiż-żewġ kumitati ta' qabel. Qabel Dr. Caruana, Mr. John Magro kien jokkupa din il-kariga.

## *Il-Karnival f'Għawdex - attrazzjonijiet speċjali fir-Rabat u n-Nadur*

Il-karnival din is-sena kien iċċelebrat bejn il-Ġimgħa 20 u t-Tlieta 24 ta' Frar. Barra l-karnival organizzat ġewwa Victoria mill-Kumitat tal-Kultura ta' Għawdex, bosta kunsilli lokali organizzaw il-karnival fir-raħal rispettiv. Fir-raħal tan-Nadur, bħal kull sena, il-karnival kien iċċelebrat matul il-ħamest ijiem bil-karnival spontanju jieħu surtu fil-għaxijiet b'sorpriżi ridikoli.



## *Donazzjoni lill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex*

L-Għaqda Ħbieb tal-Morda u l-Anzjani f'Għawdex irregalat bosta affarijiet utli lill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, il-Ġimgħa 6 ta' Frar. L-għotjiet saru lir-residenza ta' l-anzjani nisa "Sant'Anna", lit-taqsima tal-Fisjoterapija, lis-*CCU* kif ukoll lir-*Renal Unit*. Il-Ministru għal Għawdex laqgħet dawn l-għotjiet għan-nom ta' l-isptar miċ-*chairman* ta' l-għaqda Dr John B. Pace. Is-sur Chris Galea, membru ta' l-Għaqda, ta ilbies protettiv lit-taqsima ta' l-emerġenza ta' l-istess sptar.

## *Festa ta' San Pawl - ċelebrazzjonijiet fil-Munxar u f'Marsalforn*

Fl-10 ta' Frar il-gżejjer Maltin ifakkru n-Nawfraġju ta' l-Appostlu Missierna San Pawl. Kemm fil-parroċċa tal-Munxar kif ukoll fil-knisja ta' Marsalforn saru attivitajiet reliġjużi in konnessjoni ma' din il-festa.

## *Tberik ta' Vannijiet ġodda għal WSC.*





Dan l-aħħar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, f'Għawdex, żiedet żewġ vetturi ġodda fis-sezzjoni tad-distribuzzjoni tal-ilma, fix-Xewkija. Il-vetturi ser jintużaw mill-impjegati tal-korporazzjoni għal servizzi ġodda tal-ilma, għal tiswijiet, tibdil ta' kanni u xogħol ieħor relatat ma' din is-sezzjoni. It-tberik ta' dawn il-vetturi sar mir-Rettur tal-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb Dun Eddie Zammit. Dawn il-vetturi huma kbar biżżejjed illi kapaċi jġorru żewġ *gangs* fl-istess ħin.

Sadattant għadu għaddej ix-xogħol fuq l-aħħar fażi tal-proġett tat-titjib fil-kwalità tal-ilma f'Għawdex, "il-*polishing plant*". Permezz ta' dan l-impjant, l-ilma kollu li jittella mill-*Bore Holes* f'Għawdex jittella Ta' Ċenċ fejn permezz ta' filtri u makkinarji jiġi proċessat. Permezz ta' dan l-impjant il-kwalita' tal-ilma tax-xorb f'Għawdex mistennija titjieb konsiderevolement.

## *Record ta' Għotjiet tad-Demm f'Għawdex.*

L-Għaqda Għawdxija tad-Donaturi tad-Demm ħabbret li matul is-sena 2003 ingħataw *record* ta' donazzjonijiet tad-demm f'Għawdex. Minn meta nfetaħ iċ-Ċentru tat-Trasfuzzjoni tad-Demm f'Għawdex l-għotjiet tad-demm baqgħu jiżdiedu kull sena. Infatti jekk wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn il-figuri tas-snin l-imgħoddija jinnota kemm it-*trend* kienet dejjem tiela 'l fuq. Hekk insibu li fil-1996 ingħataw 816 il-donazzjoni; 1997:1267; 1998:1313; 1999:1504; 2000:1901; 2001:1818; 2002: 1863; 2003: 1916.

Dawn id-donazzjonijiet ingħataw minn Għawdxin minn dawn l-irħula:

Victoria: 462, Nadur: 265, Xagħra: 232, Xewkija: 188, Għajnsielem: 116, Sannat: 107, Qala: 81, Għarb: 79, Munxar: 76, Kerċem: 73, Fontana: 64, Żebbuġ: 63, S. Lawrenz: 46, Marsalforn: 27, Għasri: 26, S. Luċija: 6, Xlendi: 1, Malta: 4.

Ta' min jgħid li ċ-Ċentru tat-Trasfuzzjoni tad-Demm ikun miftuħ kuljum bejn it-8.00a.m. u nofs in-nhar. Xieraq li Għawdxin kollha jifhmu l-importanza ta' dan ir-rigal sabiħ, speċjalment f'dan iż-żmien tar-Randan.






### *Sinodu għal Ottubru 2005*

Ġwanni Pawlu II sejjaħ Sinodu ta' l-Isqfijiet li għandu jsir bejn it-2 u d-29 ta' Ottubru 2005 u li se jkun dwar "L-Ewkaristija: Għajn u Qofol tal-Ħajja u l-Missjoni tal-Knisja". Ġwanni Pawlu II ħa sehem personalment f'kull Sinodu li sar kemm ilu Papa. Fl-aħħar, id-dokument finali flimkien mal-propożizzjonijiet approvati mill-Padri Sinodali jifforma l-bażi ta' eżortazzjoni apostolika li joħroġ il-Papa. L-Ewkaristija diġà kienet is-suġġett tal-messaġġ tal-Papa fl-14-il enċiklika tiegħu, *Ecclesia de Eucharistia*. Meta ħarġet din l-enċiklika f'April li għadda, is-Santa Sede ħabbret li kellha tkun segwita minn struzzjonijiet "ta' natura ġuridika" li fil-preżent, skond uffiċjali tal-Vatikan, dalwaqt ser jiġu ppublikati. Is-Sinodu ta' Ottubru 2005 ser ikun il-11-il Laqgħa Ġenerali tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet, mindu saret l-ewwel laqgħa fi żmien Pawlu VI f'Settembru 1965.

### *1.2 Miljun Dollaru għall-Art Imqaddsa*

Il-Papa ddeċieda li jibgħat lill-komunità kattolika ta' l-Art Imqaddsa s-somma ta' $ 1.2 miġbura mill-Kardinali bħala rigal tal-25 anniversarju tal-papat tiegħu.

### *Inkjesta fil-Kenja dwar Missjunarju assassinat*

Inkjesta tal-Gvern Kenjan dwar il-mewt ta' Fr. John Anthony Kaiser, qassis missjunarju Amerikan li miet f'Awissu 2000, reġgħet bdiet fl-10 ta' Frar li għadda. Matulha, wieħed mix-xhieda tefa' suspetti fuq ex-ministru tal-gvern.

### *Favur iż-Żwieġ "bejn raġel u mara" biss*

Fi *statement* li ħarġu l-mexxejja ta' diversi gruppi reliġjużi f'Boston, talbu lill-leġislaturi biex jissapportjaw emenda kostituzzjonali li tippreserva ż-żwieġ bħala l-unjoni ta' raġel wieħed ma' mara waħda. Il-mexxejja, li jinkludu l-Arċisqof Sean O'Malley ta' Boston, kif ukoll diversi rappreżentanti ta' knejjes evanġeliċi u ortodossi, kunsilli iżlamiċi u gruppi lhud, kitbu: "Kemm-il darba d-deċiżjoni tal-Qorti Ġudizjali Suprema, li tirridefenixxi ż-żwieġ bħala kull għaqda volontarja ta' persuni, issir il-liġi tal-pajjiż, ikollha effett negattiv enormi fuq is-soċjetà tagħna".

### *1.7 Biljun Kattoliċi fid-Dinja*

L-għadd ta' qassisin Kattoliċi fid-dinja baqa' essenzjalment stabbli, waqt li żiedu d-djakni permanenti u l-missjunarji lajċi. Dawn kienu fost l-istatistiċi fl-*Annuario Pontificio*, il-*yearbook* uffiċjali tal-Vatikan, li l-edizzjoni ġdida tiegħu ġiet ippubblikata fit-3 ta' Frar li għadda. Il-popolazzjoni kattolika tad-dinja hija ta' 1.7 biljun.

DM

David's Bakery Caterers

Il-Kwalità l-ewwel!

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131




## Ġurnata Tipika ta' Student Għawdxi

Filgħodu nqum malajr kemm jista' jkun biex niġri għal fuq il-*bus stop*. Nispera dejjem li x-xarabank ma tkunx għaddiet. Meta mmur kmieni tgħidx kemm indum nistenna... imma meta nasal minuta tard tkun diġà telqet!

Qabel nidħol l-iskola rrid nixtri xi pizza jew *sausage roll,* għax bl-għaġġla lanqas *breakfast* ma ħadt. U bilħaqq, jaqbilli nixtri xi ħaġa x'niekol fil-brejk, jew minn taħt il-bank waqt il-*lessons*, għax ommi, minn meta bdiet taħdem, ma jkollhiex ċans tippreparali l-*lunch*. X'ħin ikun qorob il-ħin biex nidħlu l-iskola, bl-impika min jidħol l-aħħar wieħed; irrid inkun ċert li kulħadd rani niċċaċċra ma xi erba' studenti lebsin uniformi differenti minn tiegħi!

L-iskola ma tantx naħdmu. Xi għalliema jippruvaw jgħallmuna xi ħaġa, imma aħna nkunu għajjenin wisq! Moħħna iktar kemm baqa' biex jasal il-*weekend* milli fl-eżamijiet! Għalliema oħra jitolbuna mmorru għandhom il-privat wara l-iskola biex ilestulna s-sillabu! U bit-tiekla t'hekk żdiedli l-*homework* li ħafna drabi nispiċċa nagħmlu waqt il-*lessons* jew waqt il-privat!

Wara l-iskola ġirja għax-xarabanks. Trid tarana nimbuttaw u nigguffaw u nitkellmu ħażin (u mhux hekk biss!!!) sakemm nirkbu fil-*bus*. U mhux ċajta le, xi elfejn tifel u tifla nixirfu lkoll f'daqqa u kollha nisparixxu fi żmien kwarta! Għandi xi ħbieb joqogħdu jitnikkru xi ftit biex ma jilħqux l-ewwel xarabank, u hekk ikollhom ċans jerġgħu jiltaqgħu ftit. Għaġġla għad-dar m'hemmx; ħadd m'hu ser jinduna jekk nidħol xi nofs siegħa tard, għax id-dar ma jkun hemm ħadd...

Mhux dejjem immur bix-xarabank id-dar. Anzi ħafna drabi nibqa' sejjer dritt għall-privat. Ġieli ndum sas-7 p.m. biex ninġabar id-dar. Il-privat m'hemmx ċajt. Ħlas fil-pront kull darba u rċivuta qatt! Ikollok toqgħod attent għax inkella jkeċċik 'il barra! U kemm inkunu tfal għall-privat! Kważi aktar mill-klassi ta' l-iskola! Tgħid ħadd mit-*teachers* għawdxin m'għadu kapaċi jgħallem?? Jew l-istudenti għawdxin saru kollha injoranti?!?

Wara l-privat ma tantx ikolli moħħ affarijiet oħra. Nidħol id-dar niekol, nipprova nevita lil ħuti u lil ommi, u nintefa quddiem il-kompjuter: niċċetja xi siegħa ma' sħabi u veru nieħu gost, għax ngħidu li rridu bla ċensuri u bla ħafna indħil mill-kbar! Wara li noħroġ minn fuq l-*internet* xi kultant nikkopja s-*cds* biex inbiegħhom lil sħabi u xi kultant nilgħab xi logħba li nkun issellift. Alla ħares tkun taf ommi, għax dik mingħalija qed nagħmel ix-xogħol ta' l-iskola!! Dak imbagħad nagħmlu għada l-iskola stess waqt xi *lesson tal-għażż...* L-importanti li m'iniex fis-saqajn u li jien tifel miġbur!

Fl-aħħar immur norqod, għax inkun imdamdam. Filgħodu nerġa' mmur nistrieħ l-iskola biex wara nagħmel il-lezzjonijiet tal-privat mal-ħbieb preferiti tiegħi. Iġri jaslu l-vaganzi ħalli neħles mill-iskola!!! Min jaf meta nibda' naħdem inkunx aħjar??



***"X'konfużjoni! L-aqwa li nirkbu!"***

## *Ritratti... b'mistoqsija!*



*Tempji simili f'Malta qed jiġu ppreservati u restawrati bl-aktar mod professjonali minn esperti... għax hekk għandu jkun. U l-Ġgantija tagħna? L-eqdem fost dawn it-tempji kollha - x'inhu jsir dwarha? B'dawn it-tlett travi ser inżommuha wieqfa? Tgħid dan kellu f'moħħu Ġorġ Pisani meta kiteb "Toħlom il-Ġgantija"?*

### *Żomm il-Kju, "please"...!*

Li wieħed jistenna meta jkun imissu hi l-iktar ħaġa minn lewn id-dinja; hekk kollox jimxi b'iktar ordni, b'iktar ħeffa u bla ebda preferenzi ta' ħadd u ta' xejn. Però din il-ħaġa mhux kulħadd jifhimha. Nieħdu eżempju wieħed; il-ħaddiema li kuljum jġorru l-merkanzija bejn Malta u Għawdex. Dan kif meta nitla Malta ngħaddi ttraxnat minn kullimkien biex nasal kmieni fil-kju u bħal beċċun noqgħod nistenna wara l-oħrajn ħalli jasal it-*turn* tiegħi biex jiżnuli t-*truck*, imbagħad jiġi xi wieħed warajja li għax ħalla biċċa *trailer* ipparkjat fil-port jippretendi li jħott li jkun ġab miegħu fuq it-trailer, jintiżen u jitla qabli!! U kull kif tlaqqatha ... għax jekk tkellmu tista' tispiċċa l-isptar u jekk ma tkellmux ma żżommx b'ilsien dawk li jkunu jistennew warajk! Min suppost iżommu, fejn qed ikun? Għaliex din saret ħaġa regolari, qisna bħat-tfal iż-żgħar nerfgħu l-postijiet, u flok maktur fuq is-siġġu qed inħallu biċċa landa fil-port!

### *L-iskop veru tal-Bullettini tal-Ħadd.*

Ta' min ifaħħar u japprezza iktar l-isforz enormi li jsir biex kull ġimgħa l-parroċċa twassal leħinha bil-miktub lill-parruċċani kollha tagħha. Hawn ta' min jgħid grazzi kbir lil għexieren ta' voluntiera lajċi li ġimgħa wara ġimgħa, sajf u xitwa, bla vaganzi jduru bieb bieb jitfgħu l-bullettini f'kull dar. Kieku ma kienux huma, kieku l-bullettin fuq il-bankijiet tal-knisja kienu jibqgħu! Issa meta wieħed iqis l-importanza ta' dan il-mezz u kemm jaqrawh nies, tajjeb li l-bullettin ma jispiċċax sempliċiment '*balance sheet*' fejn fih jingħataw rendikonti finanzjarji jew isiru biss appelli għall-flus! Tajjeb li lanqas jispiċċa '*portafoglio*' ta' *flyers* u reklami li ma jkollhom x'jaqsmu xejn mal-ħajja reliġjuża tal-komunità parrokkjali! Kellna bżonn nifhmu aktar kemm ġid jista' jsir permezz tal-Bullettin!

### *Għawdex fil-gazzetti...*





**Solvew il-problema... neħħew it-tabelli!**

■ Tiftakru meta xi xhur ilu kien hemm xi ħadd li lmenta f'din il-kolonna li l-parking li kien hemm riservat għal karozzi ta' persuni b'diżabilità fir-Rabat, Għawdex, kien qed jittieħed minn bejjiegħa li jarmaw għall-Monti? Illum jidher li din il-problema solvewha... għax flok l-armar tal-monti neħħew it-tabelli li kien hemm li juru li l-post huwa riservat għall-karozzi ta' persuni b'diżabilità. Prosit tassew!

*("It-Torċa", 29-02-2004)*

L-INTERVISTA

# San Girgor u l-qima lejh f'Għawdex

**Dun Eddie Zammit jintervista lill-Kappillan tal-Parroċċa ta' Kerċem il-Kan. Dun Franġisk Debrincat, fl-okkażjoni tal-14-il Ċentinarju mill-mewt tal-Papa San Girgor il-Kbir, Ko-Patrun tal-Parroċċa**



*X'nafu fuq il-ħajja ta' San Girgor il-Kbir?*

Fuq San Girgor il-Kbir nafu ħafna, peress li ħajtu hija dokumentata sewwa minn diversi kittieba uħud minnhom ta' żmienu stess. Gregorju twieled f'Ruma qrib is-sena 540 minn familja sinjura u importanti, dixxendenti ta' l-Aniċi, iżda wkoll familja nisranija mimlija b'persuni qaddisa. F'żogħżitu irċieva edukazzjoni tajba u segwa lil missieru fil-ħajja politika meta ġie afdat bil-kariga ta' prefett ta' Ruma. Wara l-mewt ta' missieru, flimkien ma' ommu ħalla l-karriera tiegħu, biegħ il-proprjetà tiegħu u beda jgħix ħajja monastika flimkien ma' xi wħud li ngħaqdu miegħu. Minħabba l-kapaċitajiet tiegħu, il-Papa ordnah djaknu u afdalu t-tmexxija ta' parti minn Ruma u aktar tard ġie mibgħut f'Konstantinopli bħala apokrisarju jew rappreżentant tal-Papa. Gregorju obda dawn l-ordnijiet għalkemm qatt ma kienet ix-xewqa tiegħu li jinfatam mill-ħajja monastika. Wara li reġa lura minn Ruma għal sentejn għex mill-ġdid fil-monasteru. Il-belt ta' Ruma dak iż-żmien kienet għaddejja minn kriżi wara l-oħra: gwerer, għarar, ġuħ u fl-aħħar faqqgħet il-pesta, marda qerrieda li tittieħed malajr. Wieħed mill-vittmi kien il-Papa Pelaġju II. Il-poplu u l-kleru li ħarġu ried lil Gregorju imexxi hu l-Knisja, Iżda dan oppona bil-qawwa din il-kariga. Madanakollu ma naqasx li jgħin u jqawwi qalb il-poplu f'dawk iż-żminijiet filwaqt li stedinhom għat-talb u l-pentinenza. Sa fl-aħħar, fit-3 ta' Settembru 590, San Girgor ġie kkonsagrat Isqof ta' Ruma. Matul erbatax-il sena ta' pontifikat, San Girgor ħadem ħafna. Kiteb ittri u tagħlim lill-knejjes, bagħat missjunarji jxandru lil Kristu, tħabat kemm felaħ għall-paċi u l-ġustizzja, għen lill-foqra u lill-maħqurin u fuq kollox, minkejja li saħħtu kienet dgħajfa, ma naqas qatt li jippriedka u jxandar il-Kelma t'Alla. Thomas Bokenkotter isejjaħ lil San Girgor bħala wieħed mill-aktar persuni nobbli li okkupaw it-tron ta' Pietru, u jżid li dan il-bniedem ta' ġenju kbir, spiritwalità profonda u ta' enerġija kbira ta direzzjoni lill-papat li kellha tħalli effett matul il-Medju Evu kollu. San Girgor ħalla din il-ħajja nhar it-12 ta' Marzu tas-sena 604, jiġifieri 1400 sena ilu.

## *X'rabta hemm bejn dan il-qaddis u l-parroċċa ta' Kerċem?*

San Girgor huwa wieħed mill-qaddisin li lejh irrikorrew missirijietna meta kellhom bżonn l-għajnuna tas-Sema. F'Malta nsibu kappella fiż-Żejtun li hi marbuta sewwa mal-kult ta' San Girgor il-Kbir, għalkemm hija ddedikata lil Santa Katarina. Lejn din il-kappella, almenu sa mill-1543, tmur purċissjoni penitenzjali b'talb bl-interċessjoni ta' San Girgor. F'Għawdex ukoll kienet issir din il-purċissjoni, però l-ewwel kappella ddedikata lil San Girgor inbniet lejn is-sena 1585 u kienet tinsab fl-inħawi ta' Għar Gerduf fit-tarf tar-Rabat. Meta biż-żmien il-popolazzjoni ta' l-inħawi kibret, il-kappella ma baqgħetx tintuża biss biex fiha tmur il-purċissjoni tat-12 ta' Marzu, iżda wkoll biex taqdi l-bżonnijiet spiritwali tan-nies tal-ħara. Fis-seklu XIX in-nies ħasbu biex jibnu knisja akbar u isbaħ u li taqdi l-bżonnijiet pastorali ta' poplu li kien dejjem qed jikber, u fl-1846 tpoġġiet l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida, li wara, fl-1885 saret parrokkjali mill-Papa Ljun XIII. Naturalment il-Kerċmin iddedikaw lil San Girgor r-raħal ta' Kerċem.

## *Għaliex flimkien ma' San Girgor, fil-parroċċa ta' Kerċem tingħata wkoll qima lil-Madonna tas-Sokkors?*



Fiż-żmien meta nbniet il-knisja ta' Kerċem, fid-dinja kien hawn devozzjoni marjana kbira. Biżżejjed insemmu żewġ fatti. Fl-1830 Santa Katerina Labourè kellha r-rivelazzjoni tal-Midalja Mirakoluża u dik il-ħabta wkoll il-Papa Piju IX kien qed iħejji biex jipproklama d-domma ta' l-Immakulata. Bla dubju ta' xejn dawn il-fatti qajmu devozzjoni marjana li waslet ukoll sa' Ta Kerċem. Nafu li l-benefattriċi prinċipali tal-knisja l-ġdida, Rosa Camilleri kellha wkoll devozzjoni speċjali lejn il-Madonna tas-Sokkors. Issa dan it-titlu tas-Sokkors kien marbut sewwa ma' l-Immakulata Kunċizzjoni. Fil-fatt nafu wkoll li l-istess persuna xtaqet ukoll li wara l-purċissjoni tat-12 ta' Marzu ssir ukoll l-antifona lill-Madonna flimkien ma' dik ta' San Girgor. Jista' jkun ukoll li kien fuq xewqa tagħha li fil-kwadru titulari ġiet rappreżentata l-Madonna tas-Sokkors flimkien ma' San Girgor. Ix-xbieha tal-Madonna li pitter Busuttil tfakkarna ħafna fix-xbieha tal-Midalja Mirakoluża, u din l-ikonografija ntrabtet sewwa mal-parroċċa tagħna, tant li anki l-istatwa titulari ġiet maħduma fuq l-istess mudell. Kollox jindika li mat- twelid tal-parroċċa l-ġdida twieldet ukoll devozzjoni u lejn il-Madonna tas-Sokkors. Sa minn qabel it-twaqqif tal-parroċċa kienet issir ukoll il-festa. Għalhekk meta ġiet imwaqqfa l-parroċċa l-ġdida, il-Kerċmin talbu lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi sabiex iqimu bħala titulari ukoll lill-Madonna tas-Sokkors. Il-Kongregazzjoni tar-Riti laqgħet din it-talba u b'digriet li ngħata nhar is-17 t'Awissu 1885, iddikjarat lill-Madonna tas-Sokkors bħala ko-titular tal-parroċċa ta' Kerċem flimkien ma' San Girgor. Għalhekk fil-parroċċa tagħna nsibu l-uniku każ fil-gżejjer Maltin fejn jiġu ċċelebrati żewġ festi titulari fi knisja waħda.

## *Fl-imgħoddi kien jissemma l-pellegrinaġġ penitenzjali li kien isir fil-festa tal-qaddis. Kif bdiet din id-devozzjoni?*

San Girgor matul ħajtu għamel użu kbir minn dawk li kienu jissejħu *litaniae*, purċissjoni bil-kant tal-litaniji. L-aktar każ magħruf huwa dak tal-*litaniae septiformis* li San Girgor għamel fid-29 t'Awissu 590 fl-okkażjoni tal-pesta. Dawn kienu seba'purċissjonijiet li saru fil-belt ta' Ruma li telqu minn knejjes differenti biex tintalab il-ħniena t'Alla. Jidher li l-użanza għalkemm ċertament li ma bdihiex San Girgor, intrabtet sewwa ma' ismu. L-ewwel purċissjoni ta' dan it-tip f'Malta, li hija dokumentata, hija dik tas-sena 1543 meta l-Isqof Cubelles għamel purċissjoni bil-litaniji tal-qaddisin bħala tweġiba għat-talba tal-Papa Pawlu III biex isir talb għall-paċi bejn is-slaten insara. Maż-żmien din il-kawża intesiet billi ftit kienet taffettwa lill-Maltin. Malajr xterdu raġunijiet oħra għat-twaqqif tagħha, bħall-mard jew ħbit mill-għadu. Kif nafu din kienet issir ukoll f'Għawdex, u kienet titlaq mill-Knisja Matriċi u aktar tard Katidrali u tasal fil-knisja ta' San Girgor f'Ta' Kerċem, bis-sehem tal-parroċċi kollha ta' Għawdex, immexxija mill-Isqof tad-Djoċesi. Hekk jidher li din id-devozzjoni bdiet biex fuq l-eżempju ta' San Girgor issir purċissjoni penitenzjali bit-talb tal-litaniji tal-qaddisin biex tintalab il-ħniena t'Alla. Għal din ir-raġuni saret magħrufa bħala "il-purċissjoni ta' San Girgor".

### *Xi preparazzjonijiet qed isiru biex jiġi ċċelebrat dan l-avveniment marbut ma' San Girgor?*

Fil-parroċċa tagħna bħalissa qed niċċelebraw ċentinarju doppju. Erbatax-il ċentinarju mill-mewt ta' San Girgor, kif ukoll il-mitt sena ta' l-istatwa titulari li nġabet minn Marsilja fl-1903. Ilna issa kważi sena nitħejjew biex niċċelebraw dan iċ-ċentinarju u ħadna ħsieb li fuq kollox inwasslu kemm nistgħu il-messaġġ ta' San Girgor lill-poplu tagħna. F'Novembru, Monsinjur Isqof tana kors ta' eżerċizzi dwar l-eżempji sbieħ u t-tagħlim ta' San Girgor. Matul dawn l-aħħar xhur tellajna wkoll diversi programmi fuq "Radju Sokkors" dwar San Girgor u t-tagħlim tiegħu. F'Jannar kellna wkoll okkażjoni sabiħa li nitolbu ma' ħutna nsara Anglikani, li l-appostlu tagħhom hu proprju San Girgor. Issa għall-festa ta' bejn it-12 u 14 ta' Marzu, ser ikollna fostna wkoll l-Emminenza Tiegħu l-Kard. James Francis Strafford biex imexxi dawn il-festi ċentinarji, u f'Lulju ser ikollna fostna r-relikwija insinji tad-driegħ ta' San Girgor li ser tinġieb apposta minn Ruma f'din l-okkażjoni. Hija x-xewqa tiegħi bħala kappillan li din il-festa sservina ta' mument li fih nikbru spiritwalment, kif ukoll biex insaħħu u nimmaturaw id-devozzjoni tagħna lejn il-patrun tagħna San Girgor.





***Pittura ta' Joseph Briffa fis-saqaf tal-Knisja ta' Kerċem***

***San Girgor ibierek l-ikla li kien jagħti lill-foqra ta' Ruma***

### *X'attwalità tara fil-messaġġ ta' dan il-qaddis?*

San Girgor iwasslilna ħafna messaġġi sbieħ bit-tagħlim u l-eżempji tiegħu. Fost dawn naħseb li l-aktar li jolqtuna huma tnejn. L-ewwel messaġġ li jagħtina San Girgor hu l-imħabba lejn il-Kelma t'Alla. Hu kellu għal qalbu ħafna il-qari u l-meditazzjoni ta' l-Iskrittura li għalih kienet l-ikel ta' kuljum. Illum ukoll, il-Knisja qed tħeġġiġna ħafna biex nagħmlu l-istess, għax ma nistgħux inkunu nsara maturi li nagħarfu l-leħen t'Alla mingħajr ma nkunu familjari mal-Kelma tiegħu. Messaġġ sabiħ ieħor hu l-qadi ta' l-aħwa. San Girgor li kien ir-ragħaj tal-Knisja bħala Papa, għażel għalih il-motto *"Servus Servorum Dei"*, qaddej tal-qaddejja t'Alla. X'lezzjoni ta' umiltà u altruiżmu jagħtina!

Biex verament inkunu nsara rridu ngħixu b' dil-mentalità, li nfittxu li naqdu u nagħmlu l-ġid lil ħutna, l-aktar lil dawk li huma fil-bżonn.

*F'dan ir-Randan Imqaddes*

# JEĦTIEĠ NISTĦARRĠU X'FIDI GĦANDNA

*Minn Mons. Salv Grima*

**Il-messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II għal dan ir-Randan jistedinna nilbsu s-sura ta' tfajjel, u nirriflettu dwar il-kundizzjoni u x-xorti taċ-ċkejknin skond il-kriterji ta' Kristu, kemm-il darba rridu nkunu qrib tiegħu, anzi ħaġa waħda miegħu. Din l-istedina mibdija minn Kristu stess għandha eku partikulari u żviluppata fit-tul sewwa, bi kliem mexxej u f'postu, fil-ktieb ta' Fr. Tadeusz Dajczer tradott reċentament għall-Malti mil-*Lumen Christi Publications* u li jġib l-isem ta' "*X'Nemmen? Il-Fidi Mistħarrġa*". Huwa ktieb tassew eċċezzjonali bħala analisi tal-fidi.**

Dan il-ktieb, li ġa nqaleb f'25 lingwa, diġà ntlaqa' tajjeb ħafna fostna u wera ċar kemm l-awtur daħal fil-qalba tas-suġġett wara li telaq minn dak li rrifletta x'qed iħoss u jistaqsi n-nisrani li jgħix, jitqabad u jipprova jasal għall-verità. Tistħajlu qed jiddjaloga mal-bniedem li jrid jibqa' fidil mat-twemmin nisrani tiegħu, imma mhux mingħajr ma jgħaddi minn kull xorta ta' prova. Fidi bla provi hi fidi sterili.

Din hija realtà komuni, iebsa imma fl-istess ħin interessanti, għax toħloq ċerta sfida, u bħalma ħafna għalliema ta' l-ispiritwalità u nies oħra għexuha u offrewlna xi forma ta' mudell jew linja, hekk ukoll qed jagħmel Fr. Tadeusz billi poġġielna programm ta' fidi li, għax mistħarrġa, nistgħu nifhmu li hi prattikabbli u ta' benefiċċju.

Biex jasal għal dan u joffri l-għajnuna possibbli nħasset il-ħtieġa li jgħaddi minn komunikazzjoni ta' ħwejjeġ profondi għal impenn attwali, minn ħsibijiet għoljin għal kliem sempliċi, u minn sejħa tqila għal ħajja konkreta. L-awtur seta' jsaħħaħ dan b'esperjenzi qawwija ta' ħafna oħrajn, fosthom dawk li tkellmet dwarhom u għexet għall-aħħar Santa Tereża tal-Bambin Ġesù. Fl-opra msemmija din il-qaddisa hija kkwotata mhux inqas minn 22 darba, u dan juri kemm kienet ta' ispirazzjoni mhux biss għal kull nisrani fl-imgħoddi, imma anki llum u, flimkien ma' oħrajn, għadha strumentali għal dak li kellu bżonn ifisser dan is-saċerdot pollakk, u fl-istess ħin okkażjoni f'waqtha biex dak li hija wasslitilna jiġi miftiehem ħafna aħjar.

## *Għodda siewja f'idejna llum*

Dak li feġġ għad-dawl hekk qawwi fil-kitbiet ta' Santa Tereżina 100 sena ilu baqa' jitfaċċa snin wara, imma xhieda ta' dan għandna xi ħaġa iktar konkreta llum fil-ktieb ta' Fr. Tadeusz: *X'NEMMEN? IL-FIDI MISTĦARRĠA*. Hawn għandna stedina onesta biex il-qarrejja, bi kliem sempliċi, jiggustaw ħsibijiet profondi fil-ħajja tal-fidi tagħhom. Din m'għandhiex tkun ġabra ta' għerf bla ħajja jew imħabba, kliem bla messaġġ. Il-fidi mhix kelma muta jew lista ta' tagħrif stagnat. Il-fidi ħajja hija esperjenza "ħajja".

Dejjem bil-qawwa tal-grazzja, il-fidi trid twassal biex tassew jingħaraf il-Pjan t'Alla f'dak li jkun qed jiġri, għax xejn mhu addoċċ jew eskluż mill-viżjoni li għandu Alla, li fih trid isserraħ ħajtek. Mill-qari tas-sinjali taż-żmien, in-nisrani tal-fidi jgħaddi għall-għażla ta' kif ser jaċċetta ħajtu skond il-Pjan Divin.

L-awtur juża dak l-istil fejn ipoġġi aħjar il-mod li bih il-fidi trid tiftiehem biex tkun attwali. Għalhekk jinqeda l-ħin kollu bl-istorja ta' l-interventi t'Alla li seħħew fil-pjan tar-Rivelazzjoni u l-iktar permezz tal-Bxara t-Tajba li għaddielna Kristu. Jinqeda wkoll b'għadd kbir ta' xhieda anki reċenti b'eżempji varji u ħajjin ta' kif ħaddnu, esprimew u għexu l-fidi tagħhom, fosthom sintendi S.Tereża tal-Bambin Ġesù.

Dan il-ktieb mhux trattat tal-fidi, daqskemm biex juri kif il-fidi trid tiġi mistħarrġa mill-maturità tan-nisrani adult. Fidi għalhekk li tħalli ħafna spazju għal tweġiba intelliġenti, imma mimlija fiduċja, għax barra mill-fatt li hija dawl li ġej mill-Kelma t'Alla, tindirizzak lejn Kristu l-ewwel u qabel kollox. Dan ifisser ukoll li hemm sejħa kontinwa għall-fidi, li l-ħin kollu trid tissaffa minn kull irbit, ikun x'ikun, anki mill-iktar ħwejjeġ li jidhru tajbin u għeżież. F'dan is-sens, Fr. Tadeusz spiss idaħħal kliem bħal paradoss, assurdità, paniku, stonaturi, mumenti drammatiċi, terremoti jew tempesti, abbandun, dgħufija, eċċ. Imma l-fidi tegħleb kull xorta ta' kruha, biża' jew ansjetà li wieħed jista' jimmaġina, jekk hi tassew "fiduċja" għamja.

## *Konklużjoni*

Jekk il-fidi tassew għandha tkun waħda mistħarrġa u allura mgħoddija mill-provi kważi allarmanti, ma ninsewx li daqstant ieħor għandha biex tingħeleb kull tensjoni. Dan ikun bħal "tifel żgħir" li, għax minnu nnifsu hu dgħajjef jew nieqes minn kollox, ifittex jistrieħ iktar u malajr f'min jiflaħ u hu ikbar minnu. Mill-ġdid għandna kliem Kristu meta fakkarna x'sejħa saritilna biex inkunu bħal tfal żgħar (ara Mt 18, 3), jew meta semmielna l-benefiċċju miksub bħala foqra fl-ispirtu (ara Mt 5, 3).

Għalkemm huwa ktieb mimli sustanza u ċar fil-preżentazzjoni tiegħu, xorta mhux nieqes mill-istedina għall-isfidi fil-ħajja nisranija. L-awtur wera li ma beżax jesponi l-verità mfissra li ġġorr magħha l-element ta' "bluha". Imma fl-aħħar mill-aħħar Kristu stess poġġa din l-isfida meta stqarr li l-Missier dawn il-ħwejjeġ ħbiehom lil min jaħseb li għandu l-għerf u d-dehen, u wriehom biss liċ-ċkejknin (ara Mt 11, 25).

**LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA** — *Minn Ġorġ N. Cassar*

# Għandna min-nies jew mill-bdabad?



**Kieku kelli nintasab mal-mejda għall-ikel u nibda nbagħbas u ngħassed b'idejja, u addio pożati, min jarani ma nafx x'jaqbad jikkummenta għalija. X'aktarx li f'qalbu jgħid: "Din x'porkerija hi? Dan x'selvaġġ hu?" Naturalment, mhux kulħadd jitmeżmeż b'dal-mod. Ngħidu aħna, Afrikani li jgħixu fir-repubblika ta' Ghana jifhmuha li meta tiġi biex tiekol, għandek tuża l-ħames sensi, inkluż il-mess. Forsi jirraġunawha hekk: la darba s-swaba' ġew qabel il-frieket u s-skieken, l-idejn għandna nagħtuhom preċedenza. Huwa fatt li fejn jidħlu d-drawwiet, m'għandek ebda regola fissa; dawn ivarjaw minn żmien għal żmien u minn post għal ieħor. Ġie li saħansitra ssib drawwiet għariba li min mhux imdorri bihom jarahom tassew tad-daħk. Ngħidu aħna, biex nagħti żewġ eżempji tipiċi, hemm min, meta jiltaqa' miegħek, biex isellimlek, flok jeħodlok b'idejk, jiġi jħokk imnieħru ma' tiegħek; jew jistiednek tiekol għandu u hekk kif tispiċċaw, jistenna li titfewwaq ħa turih fid-dieher kemm apprezzajt l-ikla li offrielek!**

## *Regoli ta' mġiba*

F'kull soċjetà ssib regoli ta' mġiba li tinfurzahom il-liġi, u jekk ifettillek ma toqgħodx għalihom tispiċċa biex iwaddbuk isfel. Hemm imbagħad, kif nafu lkoll, sett ta' regoli ta' mġiba soċjali li mhumiex infurzati bil-liġi, imma għandhom fuqhom il-barka taż-żmien. Dawn id-drawwiet, billi huma stabbiliti mit-tradizzjoni, jagħmlu parti integrali mill-ħajja tagħna ta' kuljum. Meta xi waħda minnhom ma tosservahiex, ħadd mhu sa jtellgħek il-qorti jew iwaħħlek xi multa, imma jekk b'li tgħid jew b'li tagħmel sa ddejjaq u tagħti fastidju lil ta' madwarek, tispiċċa biex jibdew iħarsu lejk bl-ikrah jew ikellmuk iebes, u għandu mnejn jiksruha miegħek.

Il-bniedem maħluq u magħġun biex jgħix fil-komunità, l-ewwelnett fil-familja, imbagħad fiċ-ċirku usa' tagħha meta jirfes mill-għatba 'l barra . Ma tistax taqa' u tqum mill-bqija tan-nies, minn għalik m'għandek x'taqsam ma' xejn u ma' ħadd. Minn banda, niftiehmu, aħna lkoll separati minn xulxin, kulħadd għandu n-niċċa tiegħu, imma fl-istess waqt nixbhu ferm lill-mużajk, fejn kull biċċa, weħidha, ma tfisser xejn, imma ngastati ħdejn xulxin bil-gost, joħolqu xbieha li tagħmel sens. Tabilħaqq teżisti f'kull komunità ħannieqa sħiħa ta' relazzjonijiet, u biex dawn ir-relazzjonijiet ma jitgerfxux irridu noqogħdu b'seba' għajnejn li ma nħallux l-egoiżmu jiġri bina.

### *Prodott tal-qalb*

Irridu nitgħalmu nimxu ma' xulxin bil-galbu u l-ġentilezza. Kif naskata melħ lill-ikel tagħtih togħma iktar bnina u meta tieklu tniżżlu iktar bil-gost, anki b'naskata ġentilezza bejnietna l-bnedmin il-ħajja timxi aktar fuq ir-rubini. Dil-ġentilezza mhijiex xi prodott tal-moħħ u wisq inqas tal-but. Hija prodott tal-qalb, tas-sentiment. Taf tiltaqa' ma' nies sempliċi li m'għandhom ebda kont il-bank, ebda ittri wara isimhom, imma ssibhom tassew edukati, jafu jkomplu miegħek u jġibu ruħhom ta' nies. Imbagħad tiltaqa' ma' xi profs u ssibu żorr u goff daqs ors. Il-motiv li hemm wara l-imġieba soċjali kollha tagħna hija dejjem l-istess; int fejn int, tagħmel x'tagħmel u tgħid x'tgħid, ir-regola tad-deheb hija waħda, u din issibilha eku tagħha fil-Bibbja : "Ġib ruħek ma' ħaddieħor kif ħaddieħor tixtieqU li jġib ruħu miegħek". Jekk tiġi taqa' u tqum mill-oħrajn u tirraġuna bl-għajdut ta' l-ixkubetta u l-grillu, kulħadd kif jaqbillu, żgur li madwarek jibda jberraq. Tabilħaqq, il-bażi tal-manjieri huwa r-rispett - rispett lejn in-nies ta' madwarek, ta' fuqek jew ta' taħtek, rispett lejn l-opinjoni u l-ħwejjeġ ta' ħaddieħor, rispett lejn l-awtorità, lejn l-anzjani, saħansitra lejn l-annimali. Mar-rispett hemm imsensel ukoll l-element tal-kontroll fuqek innifsek. Ma' min hu goff minn qaddisu, jagħtik li titpastas bħalu. Imma mbagħad x'aktarx taħsibha ftit, tigdem ilsienek u toqgħod pass lura. Jekk tisparkja int ukoll, x'aktarx li l-kwistjoni ttul, u nafuha din, la l-ħaġa ttul, issir serp. Bħala regola, jekk jien nimxi miegħek bil-kortesija u l-ġentilezza, inti sa tittrattani l-istess; kif konna ngħidu fil-logħob meta konna żgħar: patta para patta!

### *Ħarsa lura*

Jingħad li l-ewwel prinċipji ta' mġieba tajba nstabu f'manuskritt eġizzjan li għandu ma' l-erbat' elef u l-ħames mitt sena. F'nofs is-seklu sittax, Mons della Casa, imħajjar minn wieħed isqof, kien ħareġ il-"*Galateo*", ktieb li nqaleb f'diversi lingwi, fejn insibu kritika tad-drawwiet offensivi ta' dik l-epoka. Fi żmien ir-Re Lwiġi XIV, il-funzjonijiet tal-Qorti tant kienu saru elaborati li kull min jidħol kien jingħata biljett, imsejjaħ "*etiquette*", bil-formalitajiet imfissra waħda waħda. Kont mistenni li ġġib ruħek skond m'għandek imniżżel f'dan l-etikett, u minn hawn ħarġet il-kelma etiketta. Ġie żmien meta kienet teżisti fittaġni żejda, esaġerazzjoni ta' regoli fuq regoli ta' kif għandek iġġib ruħek u kif imorru l-affarijiet. Imma dan l-aħħar seklu, speċjalment fl-Ewropa, daħlet ċerta laxkezza. Naqqasna ferm mill-formalitajiet u minn dak iċ-ċerimonjal żejjed u kkomplikat. Ikolli ngħid, anki *tal-pepè* ilhom li ntesew!

### *Il-"virus" tal-"bodbodiżmu" ?*

L-esaġerazzjoni, hi ta' x'hiex inhi, iddejqek u tmarrdek. Imma jibqa' l-fatt li l-etiketta ma tistax iżżarmaha u tinjoraha għal kollox. Kif jgħid għajdut Ingliż : huma l-manjieri, naturalment il-manjieri t-tajba, li jagħmluk nies. U dawn il-manjieri ninqdew bihom mhux biex nidhru sbieħ, jew biex nagħtu l-impressjoni li aħna tal-puliti, qisna xi klassi superjuri. U hawnhekk ta' min jieqaf ftit u jistaqsi: "X'fama għandu l-poplu tagħna għal dik li hi etiketta ?". Ma tistax tiġġeneralizza u tqiegħed lil kulħadd f'keffa waħda, imma tgergir u lmenti fuq dil-materja nisimgħu u naqraw ta' sikwit. Xi ħadd qal li aħna "pajjiż tal-*Mickey Mouse*"; tkun daqqa ta' ħarta għalina lkoll jekk jaqilgħuhielna "pajjiż tal-bdabad". Is-sabiħa hi li tisma' b'diversi nies li jimpressjonawk kemm huma ħelwin u dħulin, imma hekk kif isibu ruħhom ma' ta' ġewwa, donnhom ilaqqtu l-*virus* tal-"bodbodiżmu"!

Dal-*virus* issiblu tarfu biss bl-edukazzjoni tal-qalb, li trid tixxettel jekk jista' jkun sa minn ġon-nieqa. Bħall-uċuħ tar-raba', din l-edukazzjoni, aktar ma tkun tal-bikri, aktar iġġib prezz tajjeb.


CEFAI
FORMAL WEAR



Servizz ta' kiri ta' kulma teħtieġ għall-Magħmudija, l-Ewwel Tqarbina, Griżma, Żwieġ, Funerali, u għal kull okkażjoni oħra.

* *Suits* ta' l-irġiel u tat-tfal
* Żraben tal-irġiel u tat-tfal
* Żraben bojod għall-Preċett
* Kpiepel tan-nisa
* u l-aċċessorji li jkollok bżonn għall-okkażjoni speċjali tiegħek

Aħseb kmieni!

**81, Triq San Bert, Xewkija** **Tel:2155 0372**



# Sejbiet ta' l-Era Rumana fiċ-Ċittadella

Dan l-aħħar, waqt xogħol li kien qed isir taħt is-sagristija tal-Katidral ta' Għawdex li jinsab fiċ-Ċittadella, instabu mhux biss muniti u fuħħar, li wħud minnhom imorru lura għal eluf ta' snin, imma wkoll ħajt ta' 12-il filata, li għadu fl-istat oriġinali tiegħu, ta' żmien ir-Rumani. M'hemmx dubju li dan il-ħajt se jingħata prominenza, biex kemm il-pubbliku kif ukoll it-turisti jkollhom aċċess għalih u jaraw b'għajnejhom xhieda mill-aktar ħajja tal-wirt Ruman fiċ-Ċittadella.

Ta' min jgħid li fil-bidu tas-sena 2003, meta ħaddiema kienu qegħdin iħottu l-ħajt tar-Ravalin taċ-Ċittadella, instab ukoll forma ta' ħajt b'ġebel kbir ta' żmien ir-Rumani. Uħud minn dawn il-ġebel kien fihom ukoll l-iskultura. Biex din is-sejba ma tintilifx u tibqa titgawda mill-ġenerazzjonijiet ta' warajna, l-awtoritajiet konċernati se jħallu jidhru dawn il-ħitan misjuba fir-Ravalin, biex ikun eżempju ieħor ta' epoka Rumana f'Għawdex. Iżda jidher li għal xi raġunijiet bħalissa x-xogħol jidher li jinsab wieqaf u qed jieħu fit-tul ħafna.

Lura lejn il-bidu tas-Snin Disgħin, meta l-ħaddiema tal-gvern kienu qed iħaffru fi Triq il-Kwartier, u ħdejn il-kamra li kien hemm fuq il-Bastjun ta' San Martin biex jgħaddu l-katusi tad-drenaġġ u ta' l-ilma għal dak li llum hu ħanut turistiku fuq il-Bastjun ta' San Martin, kien ukoll instab għadd mhux ħażin ta' fuħħar ta' l-epoka Puniku-Rumana u l-era Għarbija. Il-fatt li dan ix-xogħol kien sar mill-ħaddiema tal-gvern, wieħed jissoponi li dawn is-sejbiet arkeoloġiċi kienu nġabru u mgħoddija lill-awtoritajiet tal-mużewijiet. X'sar minnhom dawn is-sejbiet?

Madanakollu, meta ħaddiema kienu qed ipoġġu ċ-ċangatura bħala restawr fiċ-Ċittadella, taħt il-mina li tagħti għall-misraħ tal-Katidral, eżatt faċċata tan-niċċa tal-Madonna ta' Solidad, kien ukoll instab ġebel kbir ta' l-epoka Rumana. Fil-fatt, waħda minn dan il-ġebel kienet ġiet imdeffra biex setgħet titpoġġa ċ-ċangatura. Intant il-ħajt Ruman li nstab taħt is-sagristija tal-Katidral hu appuntu faċċata ta' dan il-ġebel. Eżami bir-reqqa tal-ħajt fejn hemm in-niċċa tal-Madonna ta' Solidad wieħed jintebaħ li hemm ġebel kbir ta' daqs mhux normali.

Ħajt ieħor ta' era Rumana kien instab fil-foss taċ-Ċittadella, eżatt taħt il-Gardjola li hemm fuq il-Bastjun ta' San Ġwann. Dan kien instab meta l-gaffa kienet qed tħammel biex titneħħa l-ħamrija li kien hemm fil-foss u ma setgħetx tkompli. Iżda sfortunatament il-ħajt kien reġa' intradam.

Ta' min jgħid li mal-ħamrija li kienet tneħħiet mill-foss, u li ġiet depożitata f'għalqa faċċata tal-loġoġ, dawk li hemm fi triq li twasslek għar-raħal ta' l-Għarb (l-akwadot), imħallat ma' din il-ħamrija kien hemm għadd kbir ta' fuħħar ta' fażijiet differenti ta' l-istorja, fosthom dik ta' era Puniku-Rumana u dik Għarbija.

Ikun ta' ġid storiku jekk dawn is-sejbiet storiċi u arkeoloġiċi jiġu mogħtija l-importanza li tixirqilhom. Hemm bżonn li dawn jingħataw prominenza, u jitwaħħlu skrizzjonijiet f'postijiet prominenti fejn ikunu jistgħu jinqraw minn kulħadd. B'hekk dan il-wirt imprezzabli ta' gżiritna, li hu parti integrali mill-istorja ta' pajjiżna, ikun aktar magħruf mhux biss mill-Maltin u l-Għawdxin iżda wkoll minn dawk l-eluf ta' barranin li jżuru pajjiżna.

***Korrispondent***



# Arani Ġej!

*Arani ġej f'Loreto,*
*se nitla' il-għoljiet,*
*għax f'dik id-dwejra ċkejkna*
*nsib is-serħ u l-kwiet.*

*Jaqbel nixħet warajja*
*l-istorbju tal-ibliet,*
*hawn miegħek f'wesgħat qalbi,*
*nitlob, inqim fis-skiet.*

*O x'ġenn jaqbadni f'darek,*
*nisma' l-aħbar tas-sliem,*
*għall-ħlewwa ta' dik l- "Iva",*
*t' "HAWN JIEN," minn taħt l-ilsien.*

*Għax f'ħin bħal dan, Marija,*
*nħossni f'għaqda ngħix,*
*nitwettaq fil-Vanġelu,*
*ħlief l'int Ommi, ma ngħidx.*

*Fik nafda kull tbatija*
*ta' tant familji mkissra,*
*ta' tfal bla lġiem mitluqa,*
*ta' tant ħtijiet bla mfissra.*

*Ja Ommna tal-Lunzjata,*
*fuq ġuvintur, tfajliet,*
*xerred l-imħabba safja*
*li f'darek tant iddiet.*

*Agħmel illi għemilna*
*minn ħidma ma jkunx xott,*
*ħa jkun staġun għammieli*
*li jħalli, jagħti l-frott.*

**Francis Sultana**

**VERSI RIFLESSIVI**

# Għada jisbaħ ukoll!

*Għada jisbaħ ukoll, xejn la titnikket,*
*u titla' x-xemx ħanina tarmi d-dija*
*biex lilna tnessi l-jiem tax-xtiewi koroh*
*li sfaw ta' swied il-qalb għalik u għalija.*

*Għada jisbaħ ukoll, u l-qamar kwinta*
*nilmħuh bħall-fidda jilma fis-smewwiet,*
*u jerġa' jnissel f'moħħna l-ħolm li ħlomna*
*matul l-iljieli fl-isbaħ żminijiet.*

*Għada jisbaħ ukoll, u l-kwiekeb ċkejkna*
*li jibbru ħelwa fl-għaxijiet sajfin,*
*jaqraw f'għajnejna l-qawwa ta' l-imħabba*
*li sqietna biss inbid mill-oħla w bnin.*

*Għada jisbaħ ukoll, u l-ward imlewwen*
*imkabbra b'żelu w sabar ġo kull ġnien,*
*għad jidħol ġewwa darna u jfewwaħha*
*u lilha nġorru f'qalbna kullimkien.*

*Għada jisbaħ ukoll, u s-siġar sbejħa*
*imtaqqla b'weraq ħodor u mxarrbin*
*bil-qtar tan-nida safi li jsebbaħhom*
*sejrin jitgħaxxqu bihom l-imġarrbin.*

*Għada jisbaħ ukoll, u l-baħar ħiemed*
*li ħabbat sew mal-blat bla ħsieb ta' xejn,*
*isabbar issa lil min tnikket bosta,*
*u jnessi d-dieqa bla ma jaf għalfejn.*

*Għada jisbaħ ukoll, u l-ħfief għasafar*
*li jgħaxxqu 'l qlubna bl-għana w it-tiċjiq,*
*jimlew bit-titjir tagħhom kulfejn jersqu,*
*bi ġmielhom jagħnu b'qawwa lill-Ħallieq.*

*Għada jisbaħ ukoll, thediex tittama*
*għax niġi ħdejk, tibżax, bla ma niddawwar*
*u nġorr f'idejja bukkett qronfol aħmar*
*waqt li nixtieqlek żmien bil-ġid imfawwar!*

**Kan. Joe Mejlak**



*Fir-Randan nimmeditaw sewwa l-"Via Sagra"*

# IL-PERSONAĠĠI TAL-PASSJONI

**Kristu bħala l-Messija kellu jkun IL-VITTMA**

- Li fi kliem il-Levitiku 16, 20.22, jerfa' u jieħu fuqu d-dnubiet tal-poplu
- U jpatti għalihom.



Fil-*Via Crucis* tiegħu, mill-Ġetsemani sal-Kalvarju, Kristu jiġi f'idejn 7 Persunaġġi li jirrappreżentaw is-Seba' Vizzji. Kristu, bit-tbatija li ġarrab, ipatti għall kull vizzju, wieħed wieħed. Dawn ir-riflessjonijiet huma meħuda mill-ktieb "*Hakeldama*" ta' Don Paolo Calliari (Ediz. Lanteriana, Torino.) u mill-ktieb "*Characters of the Passion*" tal-Arċisqof Fulton J. Sheen stampat mill-ġdid minn "*Liguori/ Triumph Publications*", Missouri, U.S.A. u mill-ktieb "*Victory Over Vice*" ta' l-istess awtur (*Garden City Books, New York*).



## Kajfa: *Is-Suppervja*

***Karattru***:

- Mimli bih innifsu.
- Mingħajr skrupli.
- Mingħajr l-ebda sens ta' ġustizzja u ħniena.
- Qarrieq u brikkun.
- Ambizzjuż.

Ażżarda jipproċessa lill-Messija. Proċess li kien farsa u insult għall-prinċipji elementari tal-ġustizzja. Falla fir-rwol tiegħu sew bħala Mħallef u sew bħala Saċerdot tat-Tempju.

***X'jgħid il-Vanġelu***: "Tassew li kien hemm ħafna li xehdu bil-qerq kontra tiegħu, imma x-xhieda tagħhom ma kenitx taqbel. Imbagħad qamu xi wħud jagħtu xhieda qarrieqa kontra tiegħu" (Mk 14; 56).

***Tagħlima għalina***

Aħna wkoll għandna mis-suppervja ta' Kajfa. Jgħodd għalina kliem S.Pawl:"Kunu fehma waħda, ħa jkollkom l-istess imħabba, u kunu ruħ waħda u ħsieb wieħed" (Filip 2. 2-4).

## Ġuda: *Ir-Regħba*



***Mill-Vanġeli***

- Ibiegħ il-ħajja ta' l-Imgħallem tiegħu għal ftit flus (Matt 26, 14-15).
- Isir "it-traditur" (Lq 6, 16).
- Isir "il-ħalliel" (Ġw 12.6).
- Kristu jgħid fuqu... "Wieħed minkom huwa "xitan" (Ġw 6.70.).
- Jittradixxi lill-Imgħallem tiegħu b'bewsa ta' ħabib (Lq 22.48).

***Riflessjoni***

Fih naraw il-misteru tal-ħażen. Kif seta' qatt l-APPOSTLU, il-MAGĦŻUL, il-ĦABIB isir traditur? Kienet ir-regħba li wasslitu biex tilef il-fidi u l-vokazzjoni. Il-passjoni tagħmik. Il-flus jagħmu lil kulħadd.

***Tagħlima għalina***

Ġuda huwa jien u int. Hu possibli li jien u int il-bewsa tal-ħbiberija nibdluha f'bewsa ta' tradiment. Twissija tal-Arċisqof Fulton Sheen. Ġuda hu aktar imħeġġeġ għall-kawża ta' Kristu (ktieb "*Characters of the Passion*" tal-Arċisqof Fulton J Sheen): "Dawk li jitilqu mill-Knisja jippruvaw jiskużaw lilhom infushom u jikkwetaw l-kuxjenza mħabbla tagħhom billi jinfexxu jattakkaw lill-Knisja."

**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**

# Erodi : *Iż-Żina*



***Karattru*:**

- ♦ Tirann mgħarraq fil-vizzji.
- ♦ Adulteru.
- ♦ Assassin ta' San Ġwann.
- ♦ Kristu jsejjaħlu "volpi".
- ♦ Bniedem li niżel fil-baxx sew fil-ħajja pubblika u sew privata. L-arma ta' min hu ivvizzjat hija li jirridikola u jwaqqa' għaċ-ċajt lil min hu qaddis.

***Mill-Vanġelu***

"Erodi flimkien mas-suldati tiegħu beda jżebilħu, jgħaddih biż-żuffjett, libbsu libsa bajda tlellex u reġa bagħtu għand Pilatu (Lq 23. 11).

**KRISTU QUDDIEM ERODI BAQA' SIEKET**.

L-Arċisqof Fulton Sheen jgħid:

- ♦ Il-kuxjenza tiegħu kienet "**mejta**".
- ♦ Kien "**trux**" għal-leħen t'Alla.

Kristu jiskot. Forsi l-akbar kastig li jista' jagħtik Alla hu... "li jitilqek u jħallik waħdek" (*Characters of the Passion*).

***Tagħlima għalina***

Erodi huwa jien u int meta ninżlu fil-baxx fil-ħajja morali tagħna, u meta nwaqqgħu għaċ-ċajt dak li hu qaddis.

# Il-Fariżej: *L-Għira*



***Karattru***

L-għira, bħall-egoiżmu, huwa l-aktar vizzju komuni fost il-bnedmin. Il-frott tal-għira huwa frott qares: suspetti, kalunnji, qerq, mibegħda, ġudizzji foloz, ipokrisija, wiċċ b'ieħor.

***Mill-Vanġelu***

"Pilatu kien jaf li kien minħabba l-għira li l-Fariżej ġabulu quddiemu lil Ġesù" (Mt 27.18).

Billi l-Fariżej ma setgħux ilaħħqu miegħu la bil-kliem u lanqas bl-argumenti, irrikorrew għall-arma tal-vili ... **L-GĦIRA**. It-tjubija ta' Kristu kienet ċanfira għall-wiċċ b'ieħor tagħhom.

***Tagħlima għalina***

Jien u int, aħna wkoll fariżej... meta nuru wiċċ b'ieħor, meta nbejtu l-mibegħda f'qalbna, meta nifirħu bil-ħażin li għandu ħaddieħor.

***Twissija ta' San Pawl***

"Tagħmlu xejn bl-ambizzjoni, anqas għall-frugħa. Kunu umli (Filip 2, 4).

# Pilatu; *L-Għażż*

***Karattru***

Naqas minn dmiru. "*Ħasel idejh*." Huwa vittma tad-dgħufija tiegħu.... ♦ Dgħajjef ♦ Beżżiegħi u ġifa ♦ Jagħmel il-kompromessi.

***Mill-Vanġeli***

Għamel farsa mill-ġustizzja. Irresponsabbli.

- ♦ Mk 15.10: "Hu (Pilatu) għaraf tajjeb li l-qassisin il-kbar kienu tawh lil Ġesù f'idejh, minħabba l-għira".
- ♦ Lq 23.4: Pilatu qal; "Ebda ħtija ma nsib f'dan il-bniedem".
- ♦ Ġw. 19.3: "Meta sema' dan, Pilatu aktar beża'".
- ♦ Mk 15, 15: "Pilatu mbagħad, biex jogħġob lin-nies telqilhom lil Barabba, u lil Ġesù, wara li tah is-swat, taħulhom biex isallbuh".

***Tagħlima għalina***

Pilatu huwa jien u int, meta ...nfarfru minn fuq spallejna, naħslu jdejna u nonqsu minn dmirna.



BOOKMARK

# 52 Suġġett Reliġjuż fi Ktieb Wieħed ta' Maturità Nisranija

***"Ngħixu fil-Mulej", Editur: Dun Anton Sultana, Lumen Christi Publications, Gozo Press, 2003, 332pp, Lm3.50ċ***




"*Ngħixu fil-Mulej*" huwa l-aħħar pubblikazzjoni minn żewġ kotba li ħarġet dan l-aħħar id-dar pubblikatriċi *Lumen Christi* ta' Għawdex. Kif jixhdu l-ewwel paġni tal-ktieb u d-daħla tiegħu mħejjija mid-direttur stess tad-dar, Dun Anton Sultana, din il-pubblikazzjoni tiġbor fiha 52 artiklu interessanti li jittrattaw suġġetti ta' spiritwalità biblika u post-konċiljari.

Fil-fatt, dan il-ktieb huwa ġabra ta' riflessjonijiet reliġjużi, magħżula minn fost medda ta' madwar sebgħin artiklu differenti, li kienu ħarġu bl-isem "*Kariżma*"mibdija bħala *leaflet* volanti fl-1982. Din kienet speċi ta' ittra spiritwali ta' kull xahar li tgħaqqad flimkien mijiet, anzi eluf (b'kollox 3,000 kif insibu fid-daħla) ta' qarrejja regolari.

Dawn l-artikli, oriġinarjament miktuba bl-ingliż, inqalbu għal ilsienna minn grupp sabiħ ta' żgħażagħ għawdxin, li dak iż-żmien kienu membri attivi fil-Moviment Kariżmatiku f'Għawdex. Illum, ħafna minn dawn iż-"żgħażagħ" huma adulti attivi f'għaqdiet reliġjużi fi ħdan id-djoċesi stess.

Kif stqarr l-editur tal-ktieb Dun Anton Sultana fid-daħla mirquma ta' din il-pubblikazzjoni attraenti, dawn ir-riflessjonijiet kienu dehru għall-ewwel darba fil-fuljett mensili Amerikan "*The Pecos Benedictine*". Fil-fatt, l-awturi ta' dawn il-kitbiet imżewqa huma lkoll Amerikani u jvarjaw minn patrijiet u sorijiet għal lajċi membri fil-Komunità tal-Benedittini Kariżmatiċi ta' *Pecos*, fi New Mexico, fl-Istati Uniti. Fost il-kittieba hemm kemm teoloġi u filosofi, kif ukoll psikoloġi u saħansitra nies mingħajr ebda professjoni akkademika partikulari. Dak li jorbothom ilkoll flimkien hija l-ispirazzjoni kariżmatika mqanqla mill-ispirtu ta' wara l-Konċilju Vatikan II. Għandek tagħlim sod, ċar, pożittiv u prattiku ħafna.

Imma tajjeb ngħidu li "*Ngħixu fil-Mulej*" m'huwiex sempliċi ġabra flimkien ta' dawk l-artikli, imma huwa għażla maħsuba minn fost din il-medda wiesa' tal-kitbiet imsemmija, b'tali mod li jiffurmaw ħsieb għal kull ġimgħa tas-sena, tnejn u ħamsin b'kollox. L-editur ħa ħsieb ukoll li jadatta dawn l-artikli "skond iċ-ċirkustanzi pastorali, liturġiċi u soċjali ta' kull xahar". Hekk, fost l-oħrajn, insibu t-tema Marjana ittrattata kif xieraq matul ix-xahar ta' Mejju; l-Ispirtu s-Santu għal matul iż-żmien li jqarribna lejn Pentekoste; ir-Rużarju għal matul Ottubru, u t-tema ta' l-Inkarnazzjoni għal Diċembru, l-aħħar xahar tas-sena. Suġġetti oħra: familja, bibbja, indiema, kariżmi, eċċ, eċċ.

B'hekk il-qarrej nisrani ta' pajjiżna jista' jgħid li għandu ktieb ieħor li jista' jinqeda bih għall-meditazzjoni spiritwali tiegħu, b'tali mod li joqgħod jixtarr xi verità fuq il-medda ta' ġimgħa sħiħa. Żgur li l-Kelma t'Alla, rivelata lilna permezz ta' l-Iskrittura Mqaddsa, tidħol u tgħammar fil-qalb ta' kull persuna u tħalli l-frott mixtieq fina. Huwa ktieb ideali wkoll għal xi omelija jew konferenza, speċjalment għal saċerdoti li jfittxu varjetà ta' suġġetti. Ara sewwa l-Werrej.

"*Ngħixu fil-Mulej*" jinsab għall-bejgħ fil-ħwienet ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex, u għandna napprezzawh ma' kotba oħra ta' maturità spiritwali tant meħtieġa fost il-poplu tagħna.

***Geoffrey G. Attard***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO, MALTA
TEL : (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX : (356) 2156 0133
e-mail : tokk@johnportelli.travel.com.mt
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA
TEL : (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX : (356) 2124 7536
e-mail : sangwann@johnportelli.travel.com.mt

# Għawdex 300 sena ilu

Arkivju Nazzjonali Għawdex

**Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -123**

Riċerka ta'
**Joseph Bezzina**
©2004

## IMPORTAZZJONI TAL-ĠOBON

Id-dokument numru mija u tlieta u għoxrin li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu traskrizzjoni ta' Bandu li għandu x'jaqsam ma' ġobon importat. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1703–1704), folju 16r (NAG, UG, Acta, 9/1703–1704, f. 16r).

Il-Bandu nħareġ mill-Universitas fil-bidu tas-sena finanzjarja. Din hi traskrizzjoni tiegħu:

***Item che li bottegari et altre persone che vendono formaggio forastiero debbano nettarlo prima e venderlo netto di ogni bruttezza sotto pena di tarì quindici per ogni contraventione applicandi la metà all'Università, e l'altra metà alli accattapani.***

Il-bniedem għaraf jipproduċi l-ġobon mill-ħalib sa minn żminijiet l-iktar imbegħda. L-ewwel bnedmin li, mas-sebat elef sena ilu, minn Sqallija ġew igħammru Għawdex ġabu magħhom diversi annimali fosthom xi ngħaġ u mogħoż. Hekk ħasbu għal provvista tal-ħalib u setgħu ikomplu jagħmlu l-ġobon bħal fi Sqallija.

L-ewwel kienet teżisti l-produzzjoni tal-ġobon frisk. Maż-żmien għarfu jnixxfuh u hekk beda l-ġobon moxx li sabu li jippreserva ruħu għal żmien konsiderevoli. Iktar tard, mal-ġobon moxx, bdew iżidu l-melħ u l-ħall u, meta saret il-kixfa tal-bżar, ħaltulu l-bżar ukoll. U b'hekk inħoloq il-ġobon tal-bżar li hu l-ġobon tipiku ta' Għawdex.

Fi żminijiet mhux il-bogħod, il-ħobż u l-ġobon b'xi qtar ta' żejt u ftit żebbuġ kienu l-ikla bażika tal-Għawdxin. Meta qajla kienet issir l-importazzjoni ta' l-ikel minn barra ftit li xejn kien hawn minn fejn tagħżel.

Fl-1127, Malta u Għawdex għaddew taħt in-Normanni u hekk bdiet ir-rabta ta' dawn il-gżejjer mas-slaten ta' Sqallija. Il-miġja tas-suldati Normanni u l-familji tagħhom wassal biex il-popolazzjoni tibda tiżdied. Dan ġab il-ħtieġa ta' l-importazzjoni ta' xi oġġetti ta' l-ikel.

Il-bandu riprodott jixhed li, tliet mit sena ilu, kien hawn fost l-oħrajn l-importazzjoni tal-ġobon. Ma jingħadx li kien ġobon ta' l-Isqalli, iżda m'hemmx bżonn. Fi żmien il-kavallieri, l-importazzjoni ta' l-ikel minn Sqallija kienet ħaġa regolari. Il-ġobon ta' l-Isqalli hu ġobon abjad bil-bżar sħiħ miegħu, kemmxejn mielaħ, u b'toqob żgħar, u jqattar iż-żejt.

Il-Bandu jfakkar lill-bejjiegħa tal-ġobon bid-dmir li jaraw li l-ġobon għall-bejgħ ikun nadif minn kull ħmieġ. Il-ġobon seta' jitħammeġ sew fejn ikun magħmul, kif ukoll fil-ħwienet fejn jinbiegħ. Kull suf li seta' kien imwaħħal miegħu, kull ħmieġ ta' insetti fuqu sakemm dam mikxuf, kellu jitnaddaf bil-galbu qabel jinbiegħ.

Min jinqabad ibiegħ ġobon maħmuġ kien jeħel il-piena kbira ħafna ta' ħmistax-il irbiegħi (0.26 Ewro). Nofs il-piena kienet destinata għall-istess Universitas li ħarġet il-Bandu, u n-nofs l-ieħor kellu jmur fil-bwiet ta' l-"*accattapani*", jiġifieri l-uffiċjali responsabbli mill-indafa fis-suq.


Gio: Zammit

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (25)



# Qaddisa Marija, Omm Alla u Ommna

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

## 1. Omm Kristu, il-Verġni Mqaddsa Marija

Meta nitkellmu dwar Marija Santissima, l-missjoni u l-kobor tagħha, l-aħjar li nibdew mill-Maternità Divina tagħha, cioè mill-fatt li hija kienet magħżula biex tkun Omm Alla. Dan kien il-bidu u l-fundament tal-grazzji u l-privileġġi kollha li taha Alla. Hija kellha l-privileġġi li tkun meħlusa mid-dnub oriġinali, li tkun għal kollox mingħajr ebda ħtija u mimlija bil-grazzja, li tibqa' dejjem verġni u li fl-aħħar ta' ħajjitha fuq l-art, tiġi mtellgħa fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem.

### *Il-Maternità Divina*

Hija tissejjaħ u hija tabilħaqq Omm Alla, għaliex hija omm ta' Persuna Divina, ta' Ġesù Kristu li hija nisslet u welldet. Bil-ħidma ta' l-Ispitu s-Santu ġie ifformat fil-ġuf ta' Marija l-ġisem ta' Kristu, u f'dak il-ġisem ġiet imsawba minn Alla ruħ umana; u fl-istess mument li fih ir-ruħ u l-ġisem ta' Kristu ingħaqdu flimkien biex hekk ikun hemm in-natura ta' bniedem sħiħ, dik in-natura ġiet magħquda mat-Tieni Persuna tat-Trinità u saret in-natura umana ta' Alla. Dak li tnissel minn Marija kien Persuna Divina, hekk ukoll dak l-istess wieħed li twieled minnha kien l-istess Persuna Divina, u tabilħaqq iben tagħha.

Ladarba l-persuna li twieldet minn Marija kienet Alla, Marija hija omm Alla; Hija għandha din il-maternità divina mhux għaliex hija sawret jew nisslet in-natura ta' Alla, li kienet minn dejjem, imma għaliex hija nisslet u welldet in-natura umana li kienet magħquda ma' Persuna Divina; nisslet u welldet 'l Kristu, it-Tieni Persuna tat-Trinita Qaddisa.

Jista' jitfa' xi dawl fuq dan il-misteru l-fatt li meta jitwieled bniedem, kwalunkwe bniedem, ommu hija l-omm ta' persuna umana, għalkemm ir-ruħ tiegħu hija maħluqa direttament minn Alla u ma ħaditx l-eżistenza tagħha minn kreatura oħra. L-omm, fil-ġuf tagħha sawret il-ġisem, mhux ir-ruħ, għax din taf l-eżistenza tagħha lil Alla. Ma niżbaljawx għalhekk, jekk ngħidu li Marija hija tabilħaqq l-Omm ta' Persuna Divina, għaliex fil-ġuf tagħha hija ppreparat il-ġisem li ġie mogħti ruħ minn Alla, biex ġisem u ruħ jifformaw il-bniedem, l-umanità u din permezz ta' l-unjoni ipostatika; il-Persuna Divina ħaditha għaliha u għaqqditha magħha.

Kristu kien persuna waħda u mhux żewġ persuni; l-istess wieħed li kien minn dejjem, tnissel fi ħdan Marija u twieled minnha wkoll. Dak l-istess wieħed li mill-eternità kien Alla minn Alla, fil-milja taż-żmien sar bniedem fi ħdan Omm Verġni. Id-Domma tal-Maternità Divina ta' Marija, jgħidilna l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-enċiklika *Redemptoris Mater* (n.4) "kienet għall-Knisja bħala siġill fuq id-domma ta' l-Inkarnazzjoni, li fiha l-Verb tabilħaqq jieħu n-natura umana f'għaqda mal-Persuna Divina tiegħu mingħajr ma jeqred dik in-natura."

Marija saret Omm Alla fil-mument ta' l-Inkarnazzjoni, meta nisslet fi ħdanha lil Kristu, Iben t'Alla magħmul bniedem. Għal dan il-mument hekk importanti fil-ħajja tagħha, hija ġiet imħejjija minn Alla, ħafna żmien qabel, bil-privileġġi u l-grazzji li sawwab fuqha.

Il-verità tal-Maternità Divina hija artiklu tal-fidi, li l-Knisja iddefiniet f'diversi Konċilji, tibda mill-Konċilju ta' Efesu fis-sena 431, kontra l-ereżija ta' Nestorju, meta ġie ikkundannat bħal anatema "kull min ma jistqarrx li l-Emanweli, Kristu, huwa tabilħaqq Alla u li għalhekk il-Verġni Mqaddsa hija Omm Alla, peress li hija welldet il-Verb t'Alla li sar ġisem. Ladarba Kristu hu persuna waħda, Marija tista' tissejjaħ tabilħaqq Omm ta'Alla."



Skond ix-xhieda ta' l-Evanġelju, Marija nisslet u welldet lil Kristu li huwa tabilħaqq Alla; għalhekk, Marija bid-dritt kollu tissejjaħ Omm Alla. Hekk sejħitilha Eliżabetta, li mimlija bl-Ispirtu s-Santu qaltilha: "Minn fejn ġieni dan li Omm il-Mulej tiġi għandi?" (Lq.1,43).

Kif naqraw fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n. 497) : "Dak li ġie konċeput bħala bniedem mill-Ispirtu s-Santu u sar tassew Bin Marija skond il-ġisem, mhux ħlief l-Iben Etern tal-Missier, t-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa. Il-Knisja tistqarr li Marija hi tassew Omm Alla (*Theotokos*)".Kif josserva San Tumas, (S.Theol.,3, 25, art.6): "Il-Verġni Mbierka, peress li hija Omm Alla, għandha għamla ta' dinjità infinita, mill-ġid infinit li hu Alla".



## *It-Tnissil bla tebgħa*

Il-Beatu Papa Piju IX, bil-Bulla "*Ineffabilis Deus,*" tat-8 ta' Diċembru 1854, kien iddikjara bħala Domma tal-Fidi l-verità li Sidtna Marija "mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, bi grazzja singulari u bi privileġġ ta' Alla, Omnipotenti u għall-merti ta' Ġesù Kristu, Feddej tal-ġens uman, ġiet meħlusa minn kull tebgħa tad-dnub oriġinali".

B'hekk hija ħarġet rebbieħa fuq is-setgħat ta' l-infern u fiha twettqet il-profezija tal-Proto-Vanġelu, fil-kelmiet li qal Alla lix-xitan: "Inqajjem mibegħda bejnek u bejn mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int iddur għal għarqubu"(Ġen.3,15). Fil-kelmiet tat-tislima ta' l-Anġlu, "mimlija bil-grazzja" juru li hija kellha l-milja ta' qdusija, u sa mill-ewwel mument ta' ħajjitha.

Sabiex iħejjiha għall-missjoni għolja tagħha ta' Omm Alla, il-Mulej żamm lil Marija ħielsa mit-tebgħa tad-dnub oriġinali. Id-dnub li kull bniedem jiret mill-ewlenin ġenituri tagħna, Adam u Eva, ma mess b'ebda mod lir-ruħ safja u qaddisa ta' l-Imqaddsa Verġni Marija. Għalhekk insejħulha: "l-Immakulata Konċezzjoni" jew "l-Imnissla bla tebgħa." Hija, kienet eċċezzjoni għal-liġi ġenerali li tolqot il-bnedmin kollha li jitnisslu u jitwieldu lsiera tax-xitan, iżda Marija, sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, kienet il-magħżula ta' Alla, għaliex kienet bla ebda tebgħa jew għajb tad-dnub. Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (490) dwar it-tnissil bla tebgħa ta' Marija jgħidilna: "Marija biex tkun Omm il-feddej, ġiet mogħtija minn Alla doni jixirqu lill-uffiċċju għoli tagħha (LG.56). L-anġlu Gabrijel fit-tħabbira tiegħu sellmilha "mimlija bil-grazzja" (Lq.1,28). Infatti, biex tkun tista' tilqa' bil-fidi b'mod ħieles it-tħabbira tas-sejħa tagħha, kien jeħtieġ li tkun kollha kemm hi mqanqla mill-grazzja ta' Alla."

Marija kienet meħlusa wkoll matul ħajjitha kollha minn kull dnub attwali u personali, anki mill-iċken wieħed. Kienet tabilħaqq, matul l-eżistenza tagħha kollha, sa mill-bidunett, il-"mimlija bil-grazzja" kif sejħilha l-anġlu li ħabbrilha li kellha tkun Omm Kristu (Lq.1,28).

*(jissokta f'ħarġa oħra)*

**We are at your service during Lent...**
**but we sell fresh fish all year round!**



**BUGEJA**
*the leading FISH MARKET in Gozo*

**Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo**
**Tel: 2156 0686, 2155 5668**
**Mob: 9949 3661**
**Res: 2155 1389**




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(L-Erbgħa u Għoxrin Parti )*

**(jaqbad mall-ħarġa ta' qabel)**

## IL-BEBBUX

Il-bebbux jagħmel ħafna ħsara għax jiekol il-pjanti. Il-ġardinara jafu wkoll li għandu ħabta jagħmel ħerba mill-Pankrazji. Il-għakrux, bħalma jsejħulu Għawdex, jissejjaħ ermafrodit għax ikun mara u raġel f'daqqa. B'xorti tajba, dan jista' jittiekel, allura ħafna minnu jinġabar għall-konsum ta' dawk li jħobbuh. Iżda l-bdiewa tagħna kellhom diversi metodi biex jaqbduh u jeħilsu minnu. Biex jaqbduh kienu jitfgħu diversi bċejjeċ tal-qxur kbir tal-larinġ, biċċiet ta' l-injam u fuħħar imkisser, u weraq ta' d'Indja fl-irkejjen umdi tal-ġnien jew tal-għalqa. Dawn iservu ta' nases għall-bebbux, li jinġabar magħhom u taħthom. Iħobb jinġabar ukoll taħt il-ġebel u laqx kbir. L-aħjar ħin biex jinġabru jkun għall-ħabta ta' nofs in-nhar. Biex imut, il-bebbux kienu jgħaddsuh fl-ilma bil-melħ jew bil-misħun.

Bebbux li ma jinġabarx għandu ħabta jħaffer fit-trab biex ibid, u jekk jiġri dan mhux bebbuxu wieħed ikollok tiġbor, imma ħafna u ħafna, daqs kemm joktor.



Barra l-bebbux ta' l-ikel, hemm ukoll diversi tipi oħra ta' bebbux, x'uħud iżgħar mill-bebbux ta' l-ikel, iżda xorta jagħmlu l-ħsara. Hemm ukoll il-bugħarwien li jkun qisu bebbux bla qoxra fejn jidħol. Dan joħroġ jirgħa u jiekol il-weraq fl-eqqel tal-lejl. Minfejn igħaddi jherri l-weraq, bħalma jherri wkoll ix-xehed tan-naħal.

Il-bebbux u l-bugħarwien jistgħu jitrażżnu billi wieħed jagħmlilhom il-lixka, jiġifieri ftietel tas-smida mħallta bil-kimika velenuża. Din għandha titpoġġa minfejn joħroġ il-bebbux biex isibha u jikolha. Aktarx li jagħmluha jew gzuz daqs kuċċarina, inkella sinjal jew linja dritta taħt xi ħajt minfejn ikun mistenni li joħroġ.

Tista' tagħmel ukoll in-nassa tal-bebbux billi tagħmel gozz smida jew nuħħala u tgħattih b'weraq kbir jew weraq ta' d'Indja. Il-bebbux jinġabar taħtu u, għalhekk, wara ftit taż-żmien malli taqleb il-weraq issib li taħtu jkun mimli bebbux. Jekk tibqa' tirripeti, fl-aħħar il-bebbux jinqabad kollu.

Daż-żmien dawk in-nies li jiġbru l-bebbux għall-ikel jagħmlu ħafna ħsara fil-kampanja billi jwaqqgħu l-ħitan tas-sejjiegħ. Dan m'għandux ikun u min iċaqlaq xi ġebla għandu jħalliha f'postha. Jekk il-bdiewa jibdew isibu ħsara ta' dan it-tip, jagħmlu sewwa jekk iwaħħlu tabella bil-kelmiet: BEBBUX IVVELENAT. Dawk li jiġbru l-bebbux ma jissugrawx jieklu minnu.

## IS-SEBBELLIKA JEW IN-NANNA KOLA

Is-Sebbellika jew in-Nanna Kola hija nsett li jafu bih il-bdiewa kollha u anki l-ġardinara. Saħansitra huwa wkoll magħruf mit-tfal billi dari kienu jilagħbu logħba bih. Jingħaraf mill-ewwel għax għandu dahru mtektek, bil-għadd ta' tbajja' skond ta' liema razza jkun, billi hawn ħafna razez minnu. Dan l-insett hu ħabib tal-bidwi għax igħix minn fuq il-bergħud tas-siġar li jagħmel tant ħsara.

Waħda minn dawn ir-razez ta' Sebbellika, dik imsejħa *Novius*, tgħix minn fuq id-Duda l-Qotnija li tant tagħmel ħsara lis-siġar ta' l-agrumi, jiġifieri tal-larinġ u tal-lumi.

Minn dan li għidna, jidher ċar biżżejjed xi ħsara jagħmlu l-insettiċidi meta wżati bl-addoċċ għax joqtlu kemm l-insetti l-ħżiena, kif ukoll dawk li jagħmlu l-ġid bħalma hi s-sebbellika.

# ID-DUDA L-QOTNIJA

Id-duda l-qotnija tagħmel ħafna ħsara lis-siġar tat-tuffieħ ta' belludja, kif ukoll siġar oħra, l-aktar ta' l-agrumi jew taċ-ċitru. Matul is-sajf tiksi l-frieghi tagħhom kif ukoll iz-zokk u l-gheruq tal-wiċċ b'ħafna tajjar tax-xema' li tgħammar u tbid taħtu. Id-duda ttaqqab il-qoxra tas-siġra b'munqarha biex terda' l-meraq tal-ħatab u kulfejn tniggeż tagħmel bħal ħotob li bil-għadd kbir tagħhom ikerrhu l-frieghi u jħassrulhom surithom. Wara xi tlieta jew erba' snin, il-mard jidħol 'il ġewwa, ir-raħs jibda jitla' magħlub u skars, jibqa' qasir, u s-siġra ma tagħmilx frott. Is-siġra, imbagħad, tibqa' togħkos sakemm issir gozz ħatab. Jekk il-feriti magħmula minn dan l-insett ikunu fuq l-gheruq, bosta drabi jiġri li l-ħatab jixpakka u s-siġra tintmess b'ċertu fungu, u s-siġra ma tkampax aktar minn ftit ġimgħat.

Id-duda l-qotnija toktor b'mod li jgħaġġeb, u ma' l-ewwel sħana tas-sajf tiżgħed u jimtlew biha s-siġar kollha tal-frott. Bħall-afidi l-oħra, għandha l-għamla tal-ġwienaħ u ta' bla ġwienaħ, u titnissel anki mingħajr ir-rġiel, u dawk li jitwieldu jkunu nisa' biss.

B'xorti tajba d-duda l-qotnija għandha ħafna għedewwa fosthom id-dubbiena l-irqiqa u s-sebbellika jew in-nanna kola sewda ħoxna ta' żewġ tikek ħomor, għalkemm dawn m'humiex biżżejjed biex jikkontrollaw il-marda.

Għalhekk, id-duda l-qotnija wieħed irid jieħu ħsiebha wkoll mod ieħor, l-aktar mix-xahar ta' Diċembru meta s-siġar tat-tuffieħ u tal-frott irqiq ikunu mingħajr weraq.

# L-AFIDI

Semmejna l-kelma afidi li għal x'uħud tista' tidher kelma tqila. Din il-kelma ma tfisser xejn ħlief dawk il-gruppi ta' insetti msejħin "briegħed tas-siġar" bħalma hi d-duda qotnija. Dawn il-parassiti jinsabu mad-dinja kollha u jattakkaw l-egħruq, il-weraq, iz-zkuk u l-frieghi tax-xtieli, joktru fi kwantitajiet kbar u jagħmlu ħafna ħsara. Il-parti tal-ħalq ta' l-afidi hi adattata biex ittaqqab u permezz tagħha l-insett jerda' l-meraq mis-siġra. Min-naħa ta' wara ta' l-afidi joħroġ materjal qisu għakar li jdellek u jwaħħal. Minkejja li l-afidi għandhom saqajn twal u rqaq, m'humiex tajbin biex jiġru ħafna u, għalhekk, ma jwarrbux minfejn ikunu tnisslu. Iżda fir-rebbiegħa u l-ħarifa, in-nisa jiċċaqilqu. Fil-ħarifa n-nisa jbidu ħafna bajd fix-xquq li mbagħad jofqos fir-rebbiegħa. Dawn ikunu nisa bla ġwienaħ li kapaċi jirriproduċu mingħajr il-fertilizzazzjoni tar-raġel. Iż-żmien li fih il-bajd jofqos hu tant qasir li xi drabi l-bajd jofqos qabel ma n-nisa jbiduh. Wara, in-nisa ta' bla ġwienaħ ikomplu jirriproduċu nisa ta' bla ġwienaħ, iżda wara ħafna ġenerazzjonijiet ta' nisa bla ġwienaħ, fl-aħħar jiġu n-nisa bil-ġwienaħ, li jmorru fuq siġar oħra. Imbagħad għal tmiem is-sajf jirriproduċu rġiel bil-ġwienaħ li jiffertilizzaw il-bajd tax-xitwa.

Il-preżenza ta' l-afidi fis-siġar mill-ewwel tidher bil-brim tal-weraq u abnormalitajiet oħra fil-parti mimsusa tas-siġra. L-afidi jneħħu min-naħa ta' wara ta' ġisimhom sustanza ħelwa, qtar il-għasel, li tkun tgħallek. Din is-sustanza jagħmlu għaliha ħafna insetti oħra, fosthom in-nemel. In-nemel għandu ħabta wkoll jaħbi l-afidi biex iħarishom mill-predaturi, ħalli jkun jista' jkompli jeħdilhom dik is-sustanza. Afidi li jattakkaw pjanti bħal-lift, in-nevew, il-kaboċċi, il-patata, il-ful, it-tuffieħ, il-lanġas u frottijiet oħra, ikunu l-kawża ta' ħafna ħsara u



tixrid ta' mard tal-virus. B'xorti tajba l-għasafar, il-brimb, iż-żnażan, u nannakola (sebbellika), jeqirdu għadd kbir ta' afidi.

# L-AFIDI U L-BASAL

Il-bdiewa tagħna jħobbu jħawlu l-basal, minn dak li jnibbet fil-ħarifa, fil-qrib tas-siġar li jistgħu jiġu attakkati mill-afidi, għax jingħad li dan il-basal ibiegħed dawn l-afidi li kif rajna jagħmlu tant ħsara.

# ID-DUBBIENA TAD-DJAR

Din id-dubbiena ma tagħmilx ħsara fil-prodotti tar-raba', imma tiżgħed kullimkien speċjalment fid-djar u fl-irziezet, l-aktar fejn ikun hemm il-ħmieġ. Billi tmur tirgħa kemm fuq il-ħmieġ kif ukoll fuq l-ikel, allura wieħed jista' aktar jifhem malajr għaliex ixxerred il-mard. Għalhekk, wieħed għandu jagħmel minn kollox biex jeqridha u jeħles minnha. Illum hawn ħafna tipi ta' bexx u insettiċidi għal kontra d-dubbien. Iżda dari kien hawn ukoll il-metodu folkloristiku ta' kif wieħed jeħles mid-dubbien, l-aktar mill-irziezet fejn ikun hemm il-bhejjem.

Kienu jsibu fergħa tal-ħarrub, la żgħira ħafna u lanqas goffa, imma li tkun tista tidħol ġo xkora mingħajr ma tħokk. Imbagħad, kienu jdendlu din il-fergħa fir-razzett qisha xi linfa, basta mhux fil-għoli ħafna. Meta jidħol il-lejl id-dubbien kien jorqod mal-weraq tagħha. Issa tnejn min-nies kienu jaqbdu xkora, jifthuha bejniethom, u jdaħħlu l-fergħa tal-ħarrub bid-dubbien b'kollox ġo fiha. Jagħlquha u jgħaddsu kollox fl-ilma, u hekk jeħilsu minn ħafna dubbien.

Dawn il-frieghi tal-ħarrub kienu jdendluhom fil-kmamar differenti tar-razzett, u meta wieħed jirripeti l-ħaġa, isib li fi ftit jiem jeħles minn ħafna dubbien bla spejjeż u bla riskju.

# IŻ-ŻAGARELLA TAD-DUBBIEN

Iż-żagarella tad-dubbien kienet tkun wiesgħa xi pulzier u nofs, u twila xi pied. Midluka magħha kien ikun fiha kimika li twaħħal u l-arseniku, velenu qawwi ħafna. Din iż-żagarella kienu jdendluha mas-saqaf mhux biss fl-irziezet, imma wkoll fil-ħwienet, l-aktar tal-merċa u tal-laħam. Id-dubbien kien jinġibed lejha, minħabba r-riħa li tarmi, u mhux biss jeħel magħha, imma wkoll imut. B'dana kollu kellha dehra li tqażżeż b'dak id-dubbien kollu mwaħħal magħha. Spiċċat meta nstab li xi nies kriminali kienu qegħdin jabbużaw mill-velenu arseniku

li kien ikun hemm midluk magħha biex jagħtuh lill-vittmi tagħhom.

## IX-XIDJA U DBIEBEN OĦRA

Ix-xidja hija dubbiena fitta tal-bhejjem ta' laħam il-kelb u ta' l-ifrat, imżejna b'lewn aħdar sabiħ li tinfesta fejn ikunu dawn il-bhejjem.

Hemm diversi kwalitajiet ta' dubbien ieħor li jkun ikbar jew iżgħar mid-dubbiena tad-djar. Hawn ta' min igħid li meta joħroġ mill-fosdqa d-dubbien jibqa' ta' l-istess daqs ħajtu kollha. Għalhekk, meta naraw dubbien żgħir jew kbir, dan ma jfissirx li dak ikun dubbien għadu żgħir u jrid jikber, jew li kiber u xjieħ, imma dawk ikunu speċi differenti ta' dubbien, għax fil-fatt hawn ħafna dbieben (razez ta' dubbien) li whud minnhom jidhru biss f'ċerti staġuni.

## L-GĦASAFAR

Dawn il-ħlejjaq jistgħu jagħmlu kemm ġid, kif ukoll ħsara. Iżda hemm xi għasafar li la jagħmlu ġid u lanqas deni, u dawn m'aħniex se nagħtu kashom. Xi għasafar tal-passa, kemm dawk li jagħmlu l-ġid, kif ukoll dawk li jagħmlu l-ħsara, tant idumu ftit hawn, li wieħed mhux ta' min joqgħod jiffitta fuqhom, anki jekk f'pajjiżhom jagħmlu ħafna ġid jew ħafna ħsara.

Mill-banda l-oħra l-għasafar sedentari, jiġifieri dawk li jibqgħu jgħixu s-sena kollha fostna, inkella minkejja li huma tal-passa, idumu ħafna fostna, allura dawn ta' min jagħti kashom sew jekk jagħmlu l-ġid kif ukoll jekk jagħmlu l-ħsara. Il-bidwi għandu jiddefendi l-għasafar li jagħmlu l-ġid.

## GĦASAFAR LI JAGĦMLU L-ĦSARA

### *Il-Ħamiem*

Il-ħamiem selvaġġ u l-ħamiem tal-barumbari, li jitħalla jiġri barra, xi drabi joqgħod fir-raba' tal-qrib fejn ikun hemm xi ġulbiena jew għelejjel oħra u jagħmel ħsara mhux ħażin għax jaf fi ftit ġranet iżarma għalqa mill-ġulbiena. Jaf ukoll iżarma x-xitel tal-ħass, tal-kromb u ta' għelejjel oħra tar-raba' saqwi. Imma din il-ħsara ssir biss 'l hawn u 'l hinn, u darba fit-tant.

### *L-Għasafar tal-Bejt*

Dawn huma komuni u kotrana ħafna fostna u jieklu ż-żerriegħa. Hemm min jemmen li jmorru jirgħaw fl-għelieqi ta' Sqallija. Għalhekk l-Isqallin igħidulu "ladro *Maltese*", imma fostna hawn min jemmen ukoll li dawn jiġu hawn minn Sqallija. Imma dan m'hux lakemm tgħid kemm hu minnu. Il-għasfur tal-bejt issibu kullimkien, l-aktar fl-irħula u madwar l-irziezet. Ħafna għasafar tal-bejt jattakkaw l-aktar l-uċuħ tal-qamħ, xgħir, piżelli, tadam, bajtar u tin, u l-frott irqiq bħal għeneb, ħawħ, tut, għajnbaqar, berquq, u frottijiet oħra, xtieli tal-ħass, tal-kromb, tal-kaboċċi u tal-pastard u t-tadam malli jibda jonfoħ u jieħu l-lewn. Minbarra t-tadam itaqqab u jqatta' wkoll it-tin misjur, in-naspli, il-frawli u frott ieħor. Jiekol iċ-ċirasa u jħalli l-għadma mdendla fiz-zokk tagħha! Il-qamħ jattakkah kemm meta jilħaq, fis-sbula, kif ukoll xħin ikun qiegħed jinbet billi jiġbdu min-nebbieta ħalli jiekol iż-żerriegħa. Idur ukoll għaż-żerriegħa tal-kromb, tal-kaboċċi, u tal-pastard. Għalhekk dari l-bdiewa tagħna kienu jagħmlu kull xorta ta' prieper, xi trajbu, imsejjaħ ukoll Tork it-Tiben, u affarijiet bħal dawn biex igerrxuhom.

Imma dawn l għasafar jagħmlu l-ġid ukoll. Per eżempju, meta jkun igħaqqad il-frott bħall-lewż, ħawħ u frott ieħor, il-għasfur tal-bejt jiekol id-dud li jitrabba qrib il-qliebi ta' l-inwar u tar-raħs ta' dawn is-siġar tal-frott, u għalhekk kieku ma jkunux dawn l-għasafar tal-bejt, id-dud ma jħalli xejn u jneżża' s-siġra.

Jiġu snin ukoll li s-silla ddewwed. L-għasafar tal-bejt jixxabtu ma' l-għesieleġ tas-silla u jieklu dan id-dud. Min jaf kemm jeħilsuna minn dwied dawn l-għasafar li kull fil-għaxija, imbagħad, jirritoraw biex jorqdu qalb il-friegħi tas-siġar tal-fiku fil-pjazza tat-Tokk, taħt Putirjal u l-Mall, u f'postijiet oħra? Ta' min igħid ukoll li meta jkollu l-friegħ, għall-bidu jżoqqhom bid-dwied li jlaqqat mir-raba, u wara jaqleb għaż-żrieragħ.

Il-post fejn jorqdu l-għasafar tal-bejt jissejjaħ il-marqad. Dari kienu jorqdu l-aktar fil-ġonna tal-lariŋġ. Illum jagħżlu s-siġar tal-fiku (*Ficus nitida*) fejn jinġabru bl-eluf. Meta l-għasafar tal-bejt ikunu kotra u jdumu jużaw is-siġra għal żmien twil jibdew jagħmlulha l-ħsara.

L-ewwel nett is-siġra tixjieħ malajr. Billi l-ħmieġ tal-għasafar hu ħami, dan il-ħmieġ li jitgeddes fuq iz-zkuk u l-friegħi, iħerri l-qoxra u jħassar il-qalba u hekk is-siġra timrad, u wara tibqa' sejra lura u tmut. Dawn l-għasafar nistgħu neħilsu minnhom billi ngerrxuhom jew billi nxebbkuhom bil-lejl. Hawn ta' min igħid li l-għasfur tal-bejt hu tajjeb għall-ikel. Infatti, fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija kien hemm min isajru flok il-bċieċen.

L-għasafar tal-bejt jieklu wkoll ħafna ġradi żgħar mill-imxietel tal-kromb, u ż-żerriegħa ta' ħxejjex slavaġ u xwiek bħalma huma denb il-far, xewk il-għotba, xewk il-miskta u saħansitra tal-budebbus.

Kollox ma' kollox jidher li hemm bilanċ bejn il-ħsara u l-ġid li jagħmel il-għasfur tal-bejt, għalkemm bosta jemmnu li aktar jagħmel ħsara milli ġid.

*(Jissokta)*




SMUGGLER'S CAVE
BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY






Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

**Xerri l-Bukkett**



Bar
Restaurant Pizzeria
*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*
Triq iz-Zewwieqa Qala
**Tel. 21553500**

**HILITE**
HARDWARE STORE
**FRANCO - BELGE FIRE PLACES**
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

**Home Decorations**
* *Specialising in Gypsum wall partitions*
* *Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles*
* *PVC Wall Panelling*
* *Interior Painting*

For Free Home Estimates
*Call* **Frank Azzopardi**
on 2156 5241 or 9982 9195

**BOGI AUTO LTD**
- Spare Parts
- Batteries
- Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

**FUQ L-INTERNET**
RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi

## Għawdex... kif nafu u narah jien 3



# "IR-RABTIET TIEGĦI MA' GĦAWDEX..."

*Guido Lanfranco jagħtina l-impressjoni u l-fehmiet tiegħu*

L-ewwel darba li ġejt Għawdex kien darba fis-sajf fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Missieri Ġużeppi kellu wegħda mal-Madonna Ta' Pinu u ried jieħu flixkun żejt għas-santwarju; il-familja tiegħu fi żmienu kienet Għawdex u devota ta' din il-knisja. Il-vjaġġ beda minn kmieni dlam, biex minn Tas-Sliema nilħqu l-karrozzi għall-Marfa. Dak iż-żmien ix-xarabanks kienu jsuqu bil-lajma biex jiġbru l-passiġġieri, u meta wasalna fin-niżla taħt is-Santwarju tal-Mellieħa mxejna bil-mod, għax fit-triq, bħala prekawzjoni kontra xi invażjoni, kienu bnew ħitan baxxi. wieħed kontra l-ieħor, mil-lemin u mix-xellug, kemm kemm tgħaddi karrozza, waqt li tinżel jew titla' żigużajg, Fuq il-vapur ċkejken t'Għawdex, meta qrobna lejn l-Imġarr, ġie jiġbor wieħed bil-karus għall-Madonna ta' Lourdes. Meta wasalna morna nieklu xi ħaġa f'ristorant fit-Tokk.

Il-familja ta' missieri kellha x'taqsam ma'Għawdex mis-seklu dsatax. Pawlu Lanfranco kien kap ċivili t'Għawdex mill-1850 sa l-1858. Ibnu Gaetano jiġi n-nannu tiegħi, twieled il-Birgu, imma meta kien żgħir kien Għawdex ma' missieru sakemm kellu tnax-il sena. Għad għandi ktieb ċkejken bit-Taljan ta' l-1848 (Firenze) dwar il-ħajja ta' San Alwiġi iffirmat mill-Kanonku Gaetano Bondì': "*Al giovanotto sig. Gaetano Lanfranco, primo prefetto della novella Congregazione dell'Educazione Religiosa nel Gozo; Gennaio 1858*". Meta ġie Malta Gaetano sar prokuratur legali, u segretarju tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali; kien ukoll iħobb jikteb il-poeżiji bit-Taljan u bil-Latin.

Kif konna Għawdex morna naraw liz-zija Ġorġa, oħt missieri, li kienet toqgħod refuġjata fil-pjazza ta' San Ġorġ, u kien jisimha Ġorġa għax fi żmien il-familja tagħhom kienet Għawdex. Mhux biss, imma Ġorġa żżewġet lill-ispiżjar Nanuri Tabone, minn Għawdex, ziju ta' Ċensu Tabone li reċentement kien President ta' Malta. Wara l-gwerra kienet marret tgħix l-Amerka ma' uliedha, għalqet id-90 sena u mietet hemm. Iz-zija Amalja, oħt oħra ta' missieri, kienet iżżewġet lil Hannibal Scicluna li ltaqgħet miegħu għax kien ukoll prokuratur legali u midħla sewwa ta' missierha.

Wara li morna Ta' Pinu għall-wegħda ma domniex wisq ma bdejna t-triq twila lura. Dak iż-żmien kien ikun hemm bosta suldati u pulizija jgħassu min ġej u min sejjer Għawdex u, waqt li konna fuq il-vapur, il-pulizija bdew jaraw x'qed iġorru l-passiġġieri fil-basktijiet, l-aktar minħabba l-abbużi tal-*black market*. Iz-zija Ġorġa kienet tatna sitt bajdiet għax kollox kien skars, u wieħed mill-pulizija kkonfiskahom u telaq bihom; min jaf min kielhom f'isem il-liġi?!

Wara l-gwerra għamilt l-eżamijiet, mort *St. Michael's College for Men Teachers* (1950-51) biex sirt għalliem, u hemm iltqajt ma' diversi Għawdxin li wara marru għalliema f'Għawdex, u għadna ħbieb sal-lum. Fis-snin ħamsin komplejt nieħu diversi inizjattivi għall-istudju ta' l-istorja naturali, storja u folklor, u għamilt żmien twil inżur Għawdex biex niġbor u nistudja ħxejjex slavaġ, insetti, ġeoloġija u ħwejjeġ oħra, minbarra tagħrif dwar il-folklor u l-istorja. Ħafna drabi kien jakkumpanjani f'dawn il-harġiet l-istudjuż, riċerkatur u kittieb Għawdxi Victor Galea, li fi żmieni kien jgħallem miegħi fl-iskola primarja tal-Furjana. Kelli kuntatti u korrispondenza ma' bosta awturi Għawdxin fir-riċerki tiegħi u għad għandi bosta ħbieb fost dawk li għadhom ħajjin. Dejjem kont nieħu r-ritratti ta' kulma jinteressani f'Għawdex biex iservuni fil-pubblikazzjonijiet, televiżjoni u t-taħditiet tiegħi.



Fl-1964-1965, Margaret Mortimer, direttur ta' l-edukazzjoni, kellha nuqqas ta' għalliema tax-xjenza f'Għawdex u talbitni biex immur xi jiem fil-ġimgħa ngħallem fis-sekondarja tal-bniet, *St. Mary Girls' Grammar School,* sakemm issib lil xi ħadd. Għalija kienet battikata, għax fil-jiem l-oħrajn tal-ġimgħa kelli tliet skejjel oħra differenti f'Malta, b'suġġetti differenti tal-ġeografija, kimika, bijoloġija, eċċ, u kien ikolli noqgħod nipprepara l-lezzjonijiet fuq il-vapur t'Għawdex. Kienu jibagħtuli t-*taxi* filgħodu kmieni għal-vapur t'Għawdex, imma biex niġi lura kont infendi għal rasi.

Madankollu għad għandi memorji sbieħ għalkemm diffiċli f'Għawdex. Bħala *Head of Biology Dept.* fis-*6th forms* ta' l-Imsida (issa *Junior College*), ġie li kelli mmur il-Liċeo t'Għawdex waqt l-eżamijiet tal-prattika tal-Bijoloġija Avvanzata.

F'Għawdex jien membru minn tal-bidu tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju (u ġieli mort nagħmel xi taħdita lill-membri, imma dejjem fil-maltemp!), u l-għaqda reċenti tal-Bizzilla. Dejjem nieħu gost inżur Għawdex, u nixtieq kieku nista' aktar ta' spiss, imma dejjem ġejt bil-ħarba u mhux għall-mistrieħ jew għal btala, għax fil-ftit ħin li jkolli nieħu ħsieb qadjiet, żjarat u xogħolijiet li nkun ippjanajt minn qabel.

Madankollu, nitkellem għalija, inħoss għafsa ta' qalb meta sena wara sena, minkejja li kulħadd jitkellem fuq wirt, ġmiel, kwiet, konservazzjoni u l-kumplament, nara li l-kampanja qed tonqos, disturbata, mibdula; biċċa llum u biċċa għada, Għawdex jinbidel u nisperaw li dawk ta' warajna ma jkunux jafu kif kien biss mill-kitbiet u r-ritratti!

TA' L-IMBERRAQ

Sales of:
Washing Machines,
Cookers, Refrigerators,
Gas Heaters,
Air-Conditioners,
Appliances & Repairs

Mario Galea

"Sunset", Viani Str. Victoria
Tel: 2156 0254
Mob: 9942 5062

TAL-ĦWAWAR

Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari...

Issib Ħwawar,
Ħxejjex Aromatiċi,
Frott Imqaddet għall-Ħelu
u Prodotti oħra għall-ikel

14-15 Kerċem Road, Victoria
Tel: 2156 2160

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



Madre Ġemma fl-aħjar tagħha

# Madre Ġemma Camilleri (1889-1973) 3. Mara ta' viżjoni wiesgħa u karattru sod

**jikteb Angelo Xuereb**

Madre Ġemma kienet mara ta' viżjoni wiesgħa u karattru sod. Dan nistgħu narawh kemm mill-ħidma meta kienet għadha b'saħħitha u kemm mill-opri ta' għajnuna spiritwali li wettqet mis-sodda tagħha.

Fis-sena 1927 hija intbagħtet Ruma bħala superjura biex tiftaħ dar hemm. Infatti, kull bidu huwa diffiċli. Imma Madre Ġemma mhux biss uriet kuraġġ iżda wriet ukoll li kienet soru ta' veduti wesgħin. Permezz tal-għaqda tagħha ma' Alla hija rat il-bżonnijiet li kien hemm bżonn fil-lokal. Hija waqqfet skola tal-ħjata u rakkmu għat-tfajliet taż-żona kif ukoll skola għaċ-ċkejknin tal-*Kinder*. Fil-bidu ta' 1928 fetħet l-iskola primarja u t-tagħlim tad-duttrina, u f'Diċembru ta' l-istess sena fetħet orfanatrofju għat-tfal ċkejknin subien u bniet mibgħuta lis-sorijiet mill-*Opera Nazionale della Maternità e Infanzia*, kif ukoll xi tfal li s-sorijiet kienu jsibu filgħodu wara l-bieb tal-kunvent. Ta' min isemmi li Madre Ġemma ma naqsitx li turi l-ġenerożità tagħha fl-eqqel jiem tat-Tieni Gwerra Dinjija f'Għawdex.

Mingħajr l-ebda dubju biex wettqet dawn l-opri, wara li kisbet il-permessi meħtieġa, juri li kienet soru ta' kuraġġ u determinazzjoni kbira. Madre Ġemma mxiet fuq il-passi tal-fundatriċi Madre Margerita. Iżda filwaqt li Madre Margerita kienet tħobb tinħeba minn quddiem għajnejn il-bnedmin, Madre Ġemma kienet taċċetta li toqgħod fuq it-tron b'ħafna sempliċità, iżda kienet ukoll bil-għajnuna ta' Alla kapaċi tinżel biex titbaxxa ħalli twiddeb, iġġiegħel, issabbar, tħobb u taqdi, skond il-ħtieġa u r-responsabiltà tagħha.

Fuq kollox Madre Ġemma tgħallimna kemm hija vitali għall-Knisja l-ħajja reliġjuża. Hija daħlet għaliha b'impenn spiritwali u bbażat ħajjitha fuq l-għaqda ma' Alla, il-ħarsien tar-regola kif ukoll l-għajnuna tal-proxxmu. B'dan il-mod nistgħu ngħidu li Madre Ġemma hija mudell li tgħallimna kemm hija ħaġa siewja għall-Knisja l-ħajja reliġjuża.

Nistgħu ngħidu li Madre Ġemma għexet b'mod perfett dak li qal il-Papa Ġwanni Pawlu II f'messaġġ lill-Unjoni Internazzjonali tas-Superjuri Ġenerali tas-Sorijiet fl-14 ta' Mejju 2001. Huwa semma li "f'din id-dinja mkissra minn ħafna kontradizzjonijiet, bl-identità tagħkom ta' 'nisa', intom tixhdu li tkunu il-preżenza ħajja tat-tjieba u l-ħniena ta' Alla". Fi kliem ieħor: karattru sod u uman fl-istess ħin.

Mhux ta' b'xejn li l-poplu ra fiha eżempju ta' l-imħabba ta' Alla għall-bniedem, u rrikorra għandha fil-bżonnijiet spiritwali għal direzzjoni soda u għal pariri utli għall-ħajja.

TAL-MUDELL
HARDWARE SHOP
FORTUNATO MIZZI STREET,
VICTORIA, GOZO - TEL 2155 4131

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

# IL-BIBBJA f'idejna




## L-intimità umana fl-Għanja ta' l-Għanjiet



*L-Għanja ta' l-Għanjiet tagħtina mudell ta' intimità umana li essenzjalment hija mibnija fuq id-djalogu. Il-mara u r-raġel iridu jgħidu lil xulxin li jħobbu wieħed lil ieħor...jekk le, l-imħabba ma tkunx għada waslet biex wieħed jagħti ħajtu lil ħaddieħor.*

*L-imħabba hija personali – għalhekk f'dan il-Ktieb hemm użu abbundanti tal-kliem 'tiegħi – tiegħek' u 'jien – int'. L-imħabba umana hija espressjoni tal-bniedem sħiħ, ruħ u ġisem. F'dan il-Ktieb tal-Bibbja tingħata mportanza kbira lis-sensi – il-vista, is-smigħ, il-mess – fil-laqgħa bejn ir-raġel u l-mara. L-imħabba tal-koppja hija qawwa erotika-sesswali li tista' tixxiebaħ biss mal-mewt. Il-ġisem u s-sesswalità huma ppreżentati fis-sbuħija kollha tagħhom, kif maħluqa fit-tjubija tagħhom mill-Ħallieq.*

*L-imħabba deskritta fl-Għanja ta' l-Għanjiet hija mħabba umana, awtentika, radikali u totali, personali u tmiss lill-persuna sħiħa, hija mħabba delikata u safja. Ir-raġel u l-mara jaqsmu dak kollu li huma, ugwali fid-dinjità u l-valur.*

*Din l-imħabba hija kważi kumment għall-ewwel għanja ta' imħabba li nsibu fl-Iskrittura: "Din id-darba din hi għadma minn għadmi, u laħam minn laħmi, għalhekk tissejjaħ mara, għax mir-raġel ittieħdet hi. Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed" (Ġenesi 2, 23 – 24).*

*Min ma jemminx fl-imħabba umana sħiħa, min ma japprezzax is-sbuħija tal-ġisem, min ma jemminx fil-fjamma divina ta' l-imħabba li titwieled mill-qalb ta' mara u raġel, ma jistax jemmen fl-imħabba ta' Alla lejn il-poplu tiegħu, lejn kull bniedem. Mhuwiex possibli tafferma l-valur awtentiku ta' l-imħabba ta' Alla u fl-istess ħin tiddisprezza jew tinjora l-imħabba umana.*

**P. Marcello Ghirlando, ofm**

**Din hija silta mill-fuljett ta' kull xahar "IL-BIBBJA F'IDEJNA" li joħroġ mill-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa, u li jinsab għall-bejgħ (5ċ-il kopja) mil-Lumen Christi Bookshop, Triq Fortunato Mizzi, Victoria - Tel 2156 0496.**

*Għawdxin li għadna niftakru - 13* *Minn Pawlu Mizzi*

# JOE QASSISU



*Joseph Galea, "Qassisu", qed jippreżenta bandiera Amerikana tal-bizzilla maħduma minn Mananni Galea, lill-President ta' l-Amerika Harry Truman*

Ftit jafuh f'Għawdex. Qabel siefer kienu jgħidulu Ġużeppi ta' Marinton tan-Nonu. Fi New York, imma, il-Maltin laqqmuh: "Joe Qassisu". Min jaf għaliex?

Minn dejjem ġabli kurżità dal-laqam. Kont naħseb li għax kien jagħmilha mal-qassisin. Erin Serracino-Inglott fil-*Miklem Malti* jgħid li "qassisu" jingħad b'mod sarkastiku għal wieħed li jkun reliġjuż jew skrupluż iżżejjed. A.E. Caruana, studjuż ieħor tal-Malti, jagħti tifsira differenti. Jgħid li 'qassis' hu verb fil-Lhudi li jfisser 'tixjieħ, tikber fiż-żmien u l-esperjenza'. Għalhekk 'qassisu' jista' hu n-nom imnissel minnu biex jingħad għal wieħed 'veteran'. Aquilina jgħid li dan-nom ġie assimilat man-nom Għarbi 'qassis' li jfisser 'saċerdot'. X'kien ma nafx. Naf, imma, li Caruana għex f'tarf is-seklu għoxrin meta l-Maltin kienu bdew jemigraw lejn New York. It-Triq ta' l-Għajn fejn kont noqgħod jien, kien hemm oħrajn li kienu jgħidulhom 'ta' qassisu'. Dawn la kienu jagħmluha ma qassisin u lanqas kienu skruplużi żżejjed.

Għalija u għal ħija Toni liz-ziju Ġużeppi konna ngħidulu sempliċement 'iz-ziju ta' l-Amerka'. Darba kien bagħatilna *tricycle* b'ħandil forma ta' ras ta' żiemel. Għadna nsemmuh! Kien qisu bagħatilna *Ferrari*. Jien quddiem, b'ras iż-żiemel f'idejja, insuq u Toni wara bilwieqfa fuq il-fus, jinbotta b'sieqū b'kemm kellu saħħa. U ċorma tfal jiġru warajna. Kultant nieqfu, nagħtu rikba lil xiħadd minnhom u nkomplu.

Ħadd ħliefna ma kellu ziju s-safar biex jibgħatlu *tricycle.*

Ħafna kienu jobogħduh is-safar. In-nanna kienet filfatt tgħidlu 'turufnament!'

'Kif kien jgħid Fortunat Mizzi,' qalli Nazinu taċ-Ċiċċa.'Ara kif kienu spiċċaw dawk li ntbagħatu fil-gżejjer Joniċi fl-1827!'

Nazinu kellu sens kbir ta' l-istorja ta' niesna. Kellu sebgħin sena u memorja impekkabbli. Kif jibda jirrakkonta ma kienx jieqaf.

'Imsieken!' kompla qalli, 'Kien mingħalihom sa jaħdmu r-raba. Minflok, bagħtuhom fil-ġonna tal-gvernatur inaddfu l-għeruq tas-siġar taż-żebbuġ. Min m'għareqx id-demm u miet, ġie lura u baqa' ħaj b'miraklu!'

Illum nifhem x'ried jgħidli. Smajt biżżejjed fuqhom mingħand Karmen Mikallef Buħaġar. Din Karmen twieldet l-Eġittu. Missierha u ommha kienu emigraw lejn Lixandra fl-aħħar nofs is-seklu dsatax u nista' nimmaġina minn xiex għaddew!

Fl-Eġittu għexu f'terrur kontinwu. L-aktar minn wara l-1865 meta Arabi u sħabu ħaduha kontra l-Ingliżi u riedu li 'l-Eġittu jkun biss ta' l-Eġizzjani'. Ħafna dak iż-żmien ħallew kulma kienu faddlu u ġew lura Malta. Kif kien ġralhom Maltin oħra fil-kriżi tas-Suez ta' l-1948.

'F'nofs ta' lejl ħabbat il-bieb,' qaltli Karmen, 'u ġarrewna 'l barra fuq trakk ta' fuqna senduqna.' Lanqas Malta ma ħallewhom jiġu l-awtoritajiet Maltin. U kellhom jitturufnaw ruħhom Londra. Ironikament, Karmen kienet waħda li fi żmien meta l-Maltin kienu fil-bżonn ġabret eluf ta' liri għalihom. Minn dakinhar flok ma stmellitna, ġiet iżżurna kull sena f'Ottubru biex tqim lil Dun Karm, lil Ninu Cremona, lil Ropa u lil kull min kien iħobb il-Malti. Ħafna għadhom jiftakruha.

U f'Tunis u fl-Alġiers?! X'ġarrbu l-Maltin! Li kieku ma kinitx għall-flotta Ngliża kieku l-Maltin spiċċaw b'għonqhom imħanxar.

Wieħed minn dawk li marru l-Alġiers kien Laurent Ropa mix-Xagħra. Kien mar ta' ftit snin ma' missieru. Imma, wara l-ewwel gwerra telaq lejn Franza u sab postu ma' l-aqwa kittieba Franċiżi. Kiteb l-esperjenzi ta' dak is-safar fil-ktieb tiegħu *Le Chant de la Noir.*

'Ħasra li mhux magħruf fostna,' ilmenta miegħi darba l-professur Aquilina. 'Lanqas it-*teachers* ma qrawh. Qlibtu għall-Malti għal xejn. Ftit intebħu li *L-Għanja tas-Sienja* kien karba ta' emigrant Malti.'

X'għanja ta' qrusa tkanta dik is-*Sienja!* Kelment iz-Zopp! Bona kienet tassew ġnien ta' l-għolliq għalih. Bena fih kappella, imma hu stess la kien jaf kinitx nisranija jew misilma! U Dora baqgħet ma qatgħet qatt ix-xewqa li kellha li terġa tara l-Madonna Ta' Pinu! Ġrajjiet li jkexkxu! Il-bagħal mgħallaq mas-sienja, il-mewt ta' Dora, u Lażżru mgħarraq fil-ġiebja! Tgħid kienet saħta t-tbatija li għadda minnha Kelment iz-Zopp! *Besm Allah*!

Personalment ma naħsibx! Skond iz-ziju Ġużeppi s-safar tal-Maltin kien dejjem suċċess. Kien isemmi

lil John Pas. Għax bħal Ropa, missieru lanqas kien jaf jikteb ismu u flok Paċ l-uffiċċjali ta' l-emigrazzjoni niżżluhulu Pas. U baqa'. Ibnu John sar ħaddied prim ġo Philadelfia u fl-1753 ħadem il-famuża Qanpiena tal-Libertà li fit-8 ta' Frar 1776 ħabbret l-Indipendenza ta' l-Amerka.

Kien hemm Maltin oħra li jispikkaw fost l-emigranti. Wieħed kien ċertu Louis Schickluna mill-Isla. F'Malta ħadem fuq ix-xwieni, mat-tarznara ta' l-ewwel żminijiet ta' l-Ingliżi. U kif tala' l-Kanada fl-1836 rama tarzna tiegħu fuq St Catharine's. Illum tħaddem mijiet ta' ħaddiema.

Min jaf kemm eluf ta' Għawdxin minn wara l-ewwel gwerra kbira 'l hawn telqu lejn l-Amerka! Kienu għall-bidu jmorru *overland*. Minn Malta sa Marsilja, imbagħad għal Calais bil-ferrovija, imbagħad jistennew biex jaqsmu għal Dover u minn hemm, meta jsibu vapur, għal New York. U wara xi tlett xhur vjaġġ, tliet xhur oħra kwarantina f'Ellis Island, biex fl-aħħar jingħataw il-permess li jistgħu joqgħodu u jaħdmu. Missieri hekk kien wasal Detroit fl-1919. Kellu fil-vjaġġ miegħu erba' Għawdxin oħra fosthom lil Salvu ta' l-Għaġina u lil Wenzu ta' Bronka. Sa xkora ħobż kienu ġarrew magħhom għax kienu jgħidulhom li ma jsibux x'jieklu! Waqfu f'Pariġi, u billi dik il-ħabta kien għadu kemm ġie ffirmat it-Trattat tal-Paċi f'Versailles, missieri bagħat kartolina ta' l-okkażjoni. Fiha tassew storja!

Kemm kienu jifirħu niesna meta xi ħadd minnhom kien jerġa' lura. Sal-banda kienet tmur iddoqqlu wara l-bieb. Għadni sallum kulmeta nisma' l-*Blue Danube* nisthajjel nara lit-tfal jaqbżu u jgħajtu: 'Ġie z-ziju! Ġie z-ziju mill-Amerka!'

'Xtaq jiġi, miskin,' qalli darba Nenu l-Bovril. 'Dak mhux ziju Ġużepp imissek tgħidlu! Dak San Ġużepp. Kien jgħin lil kulħadd. New York kienet qisha tiegħu. Ikellimlek lil min trid. Kardinali, *mayors*, u anke l-President! Basta biex jagħmillek pjaċir.'

Kont naf. Darba għand tal-Baxan poġġa ħdejja raġel. Qalli li kien l-Amerika, u beda jirrakkontali minn xiex kien għadda. Kif sama' li kont in-nepputi ta' Joe Qassisu, qalli: 'Inbus fejn jirfes. Li ma kienx hu għadni fiċ-ċella ta' Sing-sing!' Ħasadni, ngħid is-sewwa. "Sing-Sing" kien wieħed mill-agħar ħabsijiet ġo l-Istati Uniti. Iżommuh għall-kriminali akkużati bi qtil. Imbagħad qalli l-istorja tiegħu: kif sab xogħol fuq jott u kif dan il-jott kien inqabad bil-kuntrabandu. 'Jien ma kellix x'naqsam,' kompla qalli kważi jibki. 'Waħħlu fija biex jeħilsu s-sidien tal-jott.' U nfaqa' f'bikja. 'Li ma kienx Joe Qassisu li sabli l-avukati u għenni, kieku llum minix hawn.'

Fakkarni fi Dreyfus li kien mixli bi tradiment ta' pajjiżu mill-kappijiet militari tiegħu. Li ma kienx għall-ispirtu ta' ġustizzja ta' Malti ieħor, Fernand Gregh, li kixef li kien vittma ta' *frame-up,* kieku Dreyfus spiċċa ffuċillat.

'Dak l-ispirtu ta' ġustizzja minn ċkunitu, Ġużepp tagħna,' kienet tgħidli z-zija Mananni.

'Kien jiskantani meta kont inkun miegħu l-Amerika,' qaltli darba Marija Micallef tal-Gabillot, 'Ma kienx ikollu ċenteżmu fil-but. U irid iħallaslek kafè.'

'Taħsbu l-aqwa benestant! Qalb tajba, dejjem pulit u jaf jitkellem fuq kollox,' qalli darba oħra ċertu Manwel Ellul minn Ħaż-Żabbar. 'Li ma kienx għalih, kieku jien u oħrajn bħali ma sibniex xogħol meta tlajna New York fil-*forty eight*!'

"Is-solidarjetà kienet ġo fih. Aktarx għax imrobbi f'ambjent mimli problemi!", kont ngħid f'qalbi jien.

'New York ma sibtux aħjar minn Għawdex', kitibli darba. 'Id-*depression* tan-1929 kienet wara l-bieb. U kif l-ekonomija Amerikana ħasset in-nuqqas ta' investimenti, waqgħu x-*shares* u fl-14 ta' Ottubru 1929 faqqa' l-kraxx il-kbir fl-Istock Exchange ta' New York. Kien l-akbar diżastru ekonomiku ta' l-istorja ta' l-Amerika. U bosta sfaw bla xogħol.'

Għal ħafna Maltin, imma, dan ma kienx l-aħħar tad-dinja. Min kellu paga għolja aċċetta waħda baxxa. Jew ħa dak li offrewlu. U min kien fuq skrivanija bħaz-ziju Ġużeppi, niżel fil-kċina jaħsel il-platti. Ħadd ma tnikker u qagħad jibki xortih.

Iz-ziju, imma, ma felaħx għal dak l-iskoss. Ftit wara laqtitu marda li ħallietu mmankat għal għomru. 'Bqajt ngħix għax kelli rieda ta' l-azzar!' weġibni darba f'waħda mill-ittri tiegħu. 'Imbagħad tajtha għall-volontarjat fost dawk li kienu bla xogħol. Jew li kienu l-isptar. Jew il-ħabs. U fi żmien il-gwerra waqqafna l-*Malta Relief Fund* biex nibgħatu għajnuna lill-Maltin.'

Storja li tkompli ma' ta' Kelment iz-zopp! U tar-rumanzi l-oħra ta' Ropa, *Kaline* u *Bou-Ras*.

Għalhekk għamiltlu monument f'Villa Rundle. Biex int u jien niftakru fis-sagrifiċċju ta' ħutna s-safar li bih stagħna ġensna. U f'Karmen Mikallef Buħaġar li ma nsietu qatt lil pajjiżha. Biex, kif xtaq Joe Qassisu, kull sena jingħataw ġieħ b'kuruni tar-rand u fjuri.






# "ĠUŻEPPI BIN DAVID..."

## *Isem li rebaħ il-fiduċja ta' kulħadd...*

Fr. Charles Buttigieg jikteb minn Ruma

**Il-fiduċja...! Kemm hija importanti li fil-ħajja jkollok dan id-don, fiduċja f'Alla l-Imbierek, fiduċja fil-qaddisin u fiduċja fik innifsek. Hija l-qawwa għal dawk li huma morda b'marda kiefra għaliex hija l-enerġija li takkumpanjahom fis-sofferenza tagħhom. Huwa proprju minn din il-fiduċja li nixtieq nibni il-ħsieb tiegħi b'rabta ma' San Ġużepp, ir-raġel tal-Verġni Marija u l-kustodju ta' Sidna Ġesù Kristu. Ser naraw flimkien kif "Ġużeppi", kif ifisser tajjeb ismu, kien tassew bniedem ta' fiduċja.**

Nibdew għalhekk mill-isem stess ta' Ġużeppi (bl-ebrajk, *yosseph*). Fid-dizzjunarju tal-ebrajk, il-verb li minnu ġej l-isem Ġużeppi, "*asaf*", għandu żewġ tifsiriet differenti. Il-kelma tista' tfisser "iżżid" u minn naħa l-oħra tista' tfisser ukoll "twarrab". Iżda wieħed hawnhekk malajr jistaqsi: kif jista' jkun li l-kelma "asaf" għandha żewġ tifsiriet li jmorru kontra xulxin? Jew tfisser "iżżid" jew inkella tfisser "twarrab". Huwa fil-kuntest tal-Bibbja li nsibu eżattament ir-risposta għad-domanda li qegħdin nagħmlu.

Nafu tajjeb li fil-Bibbja l-isem ifisser u jagħti d-deskrizzjoni tal-persuna li ġġib dak l-isem. L-isem "Ġużeppi" niltaqgħu miegħu fil-Bibbja għall-ewwel darba fil-ktieb tal-Ġenesi, kapitlu 30, fil-familja tal-patrijarka Ġakobb. Dan Ġakobb kien iżżewweġ lil Rakela, li din għal ċertu żmien ma setax ikollha tfal u għalhekk kellha għajb kbir fuqha, tant li kienet tisthi toħroġ barra mid-dar. Iżda Alla sema' t-talb tagħha u berikha u taha tarbija. Hu hawnhekk li din l-omm Rakela ssemmi din l-ewwel tarbija tagħha "Ġuzeppi", għaliex il-Mulej kien warrab is-saħta li kellha u kien ser iżidilha barka oħra 'l quddiem permezz tat-twelid ta' Benjamin. Dan huwa Ġużeppi tal-Antik Testment, il-ħdax-il tifel ta' Ġakobb li 'l quddiem ħutu l-kbar ibiegħuh fl-Eġittu. U proprju dan l-isem affaxxinanti li lil Rakela jimlieha fiduċja u jfejjaqha mill-għajb li kellha. Għalhekk issa nistgħu nifhmu aħjar il-kelma "*asaf*", għaliex "Ġużeppi" warrab l-għajb ta' ommu u l-Mulej kien ser ikompli jżidha bil-barka tiegħu. Mela l-isem ifisser twarrab l-ħażin u iżżid fit-tajjeb.

Hija din il-fiduċja li wera Alla l-Imbierek matul l-istorja tas-salvazzjoni fl-Antik Testment. U għalhekk wara erbgħin ġenerazzjoni minn Ġakobb u Rakela tal-Antik Testment, jitwieled Ġużeppi minn Ġakobb u minn Rut. Twieled dak li issa mhux biss isalva lil ħutu mill-ġuħ, imma dak li saħansitra jiddefendi lil Ġesù s-Salvatur tad-dinja mill-qilla ta' Erodi. Ġużeppi, bin David, ir-raġel ta' Marija, il-bniedem ġust, *dikaios*, jiġifieri l-bniedem li jagħraf jagħmel ir-rieda ta' Alla u għalhekk jakkwista l-fiduċja tiegħu. Kellu bżonn li jerġa' jitfaċċa dan l-isem ta' Ġużeppi sabiex Alla nnifsu jafdalu żewġ teżori kbar tiegħu, lil Ġesù u lil Marija. Tant Alla kellu fiduċja f'Ġużeppi li fil-mumenti ta' periklu għal Ġesù u għal Marija dejjem ħalla f'idejn San Ġużepp sabiex jeħles lil Ġesù u lil Marija, għaliex Ġużeppi huwa l-bniedem ta' fiduċja. Kellu din il-missjoni, u ta' bniedem ta' fiduċja li kien, kapaċi jwettaqha waħdu.

Mhux biss afda fih Alla l-Imbierek imma afdaw fih Marija u Ġesù. Huwa veru li fil-Vanġeli m'għandniex kelma waħda miktuba milli qal San Ġużepp, iżda dan għaliex qabel ma nkitbu dawn il-vrus tal-Vanġeli kien hemm diġà "vanġelu ieħor" miktub fil-qalb ta' San Ġużepp, il-"vanġelu tas-skiet u tal-umiltà" ġewwa d-dar ta' Nazaret, "vanġelu" mimli tant kliem ta' mħabba minn fomm San Ġużepp. Nistgħu nimmaġinaw ftit li żewġ kelmiet li kien ilissen San Ġużepp u li kien jgħidhom tant drabi matul il-ġurnata kienu l-ismijiet ta' Ġesù u ta' Marija. B'liema mħabba u ħeġġa kien ilissen dawn il-kelmiet Ġużeppi! U dawn iż-żewġ teżori, għal dik il-vuċi ta' San Ġużepp kienu jħallu kollox u jisimgħuh.

Il-poplu stess ta' Nazaret kien jafda fih ukoll. Ġużeppi kien bniedem barrani għal Nazaret, il-familja tiegħu kienet mir-razza ta' David u allura minn Betlehem, imma xorta kiseb il-qlub tan-nies ta' Nazaret permezz tat-tjubija u tax-xogħol tiegħu. Kellu s-sengħa ta'mastrudaxxa jew aħjar kif jispjega il-grieg, *tekton*, 'bniedem tas-sengħa', jiġifieri kien bniedem li kien kapaċi



jagħmel kollox, saħansitra jaħdem fl-injam qawwi u sod li kien jiġi mir-reġjun tal-qrib mil-Libanu. U għalhekk Ġużeppi kien lest li jgħin lil kulħadd. Infatti meta Ġesù ta' madwar tletin sena beda jgħallem u rritorna darba minnhom fir-raħal tiegħu, in-nies qalu; "Dan mhuwiex bin Ġużeppi l-mastrudaxxa?"

Mhux biss il-poplu ta' Nazaret fada f'Ġużeppi, iżda l-popli kollha fi ħdan il-Knisja urew il-fiduċja tagħhom fih, kif jixhed tajjeb il-kult lejn San Ġużepp fl-istorja tal-Knisja li tagħha huwa l-Patrun. Kif naraw ukoll minn tant qaddisin kbar, bħal Santa Tereża ta' Avila u tant Papiet reċenti, fosthom il-Papa Ġwanni Pawlu II, li nhar il-15 t'Awissu 1989 ħareġ l-Eżortazzjoni Apostolika *Redemptoris Custos,* dwar il-Persuna u l-Missjoni ta' San Ġużepp fil-ħajja ta' Kristu u l-Knisja.

Żgur għalhekk li minn dan kollu li rajna nistgħu nifhmu aħjar kemm San Ġużepp huwa l-qaddis tal-fiduċja, kif ifisser tajjeb l-isem tiegħu, liema fiduċja tagħtina lil Kristu u lil Marija, għax Ġużeppi wera fiduċja sħiħa fihom fil-misteru tal-Inkarnazzjoni.




# int u saħħtek



*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*

## Il-Mard tal-Qalb u taċ-Ċirkulazzjoni

Illum il-mard tal-qalb u taċ-ċirkulazzjoni huwa l-iktar mard li jikkawża mwiet fil-pajjiżi żviluppati inklużi f'Malta u Għawdex. Dan minħabba t-tip ta' ħajja li ngħixu, d-dieta tagħna, u mard ieħor bħal ħxuna, *diabete* u pressjoni għolja tad-demm, minbarra fatturi oħra bioloġiċi u ġenetiċi.

Il-funzjoni ewlenija tal-qalb hija li tippompja d-demm madwar il-ġisem. Għalhekk il-qalb u ċ-ċirkulazzjoni tad-demm huma ħaġa waħda. Il-qalb hija organu pjuttost żgħir imma effiċjenti ħafna. Il-qalb fil-fatt hija bażikament muskolu li jiżen 12 –il uqija li tikkonsisti minn żewġ pompi li jaħdmu ħdejn xulxin. Għandek il-pompa tal-lemin li tippompja demm lejn il-pulmuni biex ikun imsoffi, u l-pompa tax-xellug li tirċievi d-demm imsoffi mill-pulmuni u tippompjah lejn il-bqija tal-ġisem. B'kollox l-arterji u l-vini tad-demm jiffurmaw network ta' madwar 60 elf mil tul! Id-demm iġorr



fih mhux biss ossiġnu iżda nutrijenti u ormoni liċ-ċelloli tal-ġisem. Min-naħa l-oħra, kull prodott żejjed li jipproduċu ċ-ċelloli tal-ġisem, inkluż il-gass *carbon dioxide* jittieħed mid-demm biex ikun elliminat mill-ġisem permezz ta' organi oħra.

Illum il-ġurnata l-mard tal-qalb sar l-iktar komuni fid-dinja. Biex ikollna ideja, fis-sena 2000 fl-Amerika mietu 710,000 persuna bil-qalb. Dan meta tqabblu ma' 533,000 li mietu bil-kanċer u 98,000 minn inċidenti tat-traffiku. F'Malta fis-sena 2000 mietu 1380 minn mard tal-qalb u taċ-ċirkulazzjoni u 719 mill-kanċer minn total ta' 2957. Fil-waqt li 17 biss mietu kawża ta' inċidenti tat-traffiku. Dan ifisser li 46.6% jew tista' tgħid kważi nofs l-imwiet fis-sena 2000 kienu kawża ta' mard tal-qalb jew taċ-ċirkulazzjoni. Fenomenu ieħor li qed naraw f'dawn l-aħħar snin huwa li qed ikun hawn iktar attaki tal-qalb f'nies ta' età żgħira, bejn l-40 u l-50. Anke nies ta' inqas minn 40 sena kellhom attakk tal-qalb! Skond il-Kulleġġ Amerikan tal-Pedjatrija, fi żmien 10 jew 15-il sena oħra anke tfal jistgħu jsofru minn attakki tal-qalb minħabba ħxuna żejda! Din hija xi ħaġa li ma titwemminx, iżda fl-istess ħin ta' twissija serja biex anke fit-tfal naraw x'ikel jieklu.

Peress li fiż-żminijiet tal-lum l-użu ta' sustanzi illegali qed isir iktar komuni, fosthom l-użu tal-kokaina, wieħed irid jgħid li din id-droga tikkawża attakki ta' qalb u puplesiji minħabba ħsara lill-muskolu tal-qalb u lill-arterji. L-użu tal-kokaina ta' kull forma, kemm permezz ta' titqib, tipjip jew xamm, jista' jikkawża attakk tal-qalb dak il-ħin stess li tkun ħadt id-droga jew anke ftit tal-ġranet wara li tkun ħadtha. Kulmin jieħu din id-droga jkabbar iċ-ċans li jkollu attakk tal-qalb, avolja jkunu għadhom żgħar fl-età. L-agħar huwa li jista' jaqbdek attakk tal-qalb anke jekk tkun użajt din id-droga għall-ewwel darba f'ħajtek.



Illum l-iktar ħaġa importanti f'dan it-tip ta' mard hija l-prevenzjoni. Wieħed irid jgħaraf jgħix stil tajjeb ta' ħajja tajjeb biex kemm jista' jkun jelimina jew inaqqas dawk il-fatturi li jikkontribwixxu għal dan il-mard. Allura wieħed irid isemmi dieta tajba, nieqsa miz-zokkor, xaħmijiet u ħafna melħ. Ma npejpux u nagħmlu eżerċizzju regolari. Tajjeb li niċċekkjaw il-pressjoni, u jekk din tkun regolarment għolja iktar minn 140\90 irridu nikkontrollawha mill-ewwel permezz ta' prekawzjonijiet fid-dieta, eżerċizzju, u jekk ikun hemm bżonn pilloli. Illum hawn ħafna pilloli biex ibaxxu l-pressjoni mingħajr ma jagħmlu effetti ħżiena. Hawn irridu niġbdu l-attenzjoni li meta wieħed jibda l-pilloli tal-pressjoni dan ikun irid jibqa' jeħodhom, avolja l-pressjoni tinżel għan-normal. Jekk twaqqaf il-kura l-pressjoni ser terġa' titla b'konsegwenza akbar. Dan huwa importanti. Hawn ukoll l-idea żbaljata li pressjoni ta' 150\100 ma tagħmilx il-ħsara għat-tul, u għalhekk irridu nieħdu l-kura għaliha.

Irridu wkoll nsemmu li wieħed irid jiċċekkja l-kolesterol jew x-xaħam fid-demm. Dan huwa riskju maġġuri għall-mard tal-qalb u taċ-ċirkulazzjoni. Idea żbaljata oħra hija li taħt l-40 sena kollox permess u ma hemmx bżonn li nagħmlu *check ups*. Dan huwa żball u raġunament li medikament ma jagħmilx sens. Għalkemm dan il-mard li qed nitkellmu fuqu huwa iktar komuni meta naqbżu l-40, jeżisti wkoll f'persuni ta' età żgħira. L-arterji jibdew jidjiequ sa minn meta nkunu għadna tfal! Bħala prinċipju rridu nieħdu ħsieb saħħitna dejjem. Anke d-dieta tat-tfal żgħar hija importanti ħafna. Għalhekk il-*junk food* jista' jibda jagħmel ħsara lil saħħitna minn età żgħira. Bħala *check ups* irridu nibdew minn meta jkollna 20 sena u kull sentejn sa kemm ikollna 40. Wara 40 dan irid isir kull sena. Normalment niċċekkjaw il-pressjoni, il-piż komparat mat-tul, l-kolesterol fid-demm u l-analiżi ta' l-urina. Naturalment jekk tkun ġa bil-pressjoni jew għandek id-*diabete,* trid tagħmel *check ups* iktar ta' spiss u skond kif jidderiġik it-tabib tiegħek.



Għalkemm il-ġenetika huwa fattur importanti, l-andament ta' saħħtek jiddependi mill-istil ta' ħajja li tgħix. Għalhekk jiddependi minn kemm inkunu f'saħħitna u kemm nevitaw li nimirdu bil-mard tal-qalb u taċ-ċirkulazzjoni.


Ta' Pawlu



Bar & Restaurant

*Tel:* 2155 8355
*Mob:* 9942 1536
*Fax:* 2156 4382

4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.



LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO

Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt

SEA VIEW
APARTMENTS
ALSO AVAILABLE




# Is-Sena 2004 iddedikata lill-Isports

Din is-sena 2004 hija ddedikata lill-isports u dan ma setax jonqos għal fatt li ser jkunu organizzati żewġ avvenimenti mill-iktar kbar bħal ma huma l-Olimpjadi li ser jsiru f'Ateni fil-Greċja, kif ukoll il-finali tat-Tazza tan-Nazzjonijiet Ewropej tal-futbol li l-finali ser jsiru fil-Portugal. Illum ser ngħatu ħarsa lejn din tal-aħħar u għaliex lilna dilettanti sportivi tinteressana ħafna.




Din il-kompetizzjoni li hija t-tieni l-aqwa fid-dinja tal-futbol wara dik tat-Tazza tad-Dinja, tinteressa lill-isportivi għall-fatt li kważi kullħadd għandu xi tim favorit tiegħu barrani. Ma fiha xejn ħażin li wieħed jissaportja xi tim barrani għall-fatt li t-tim nazzjonali tagħna qatt u qatt mhux ser jasal għal dak il-livell għoli ta' futbol. Allura bilfors li jkollna naqgħu biex nissimpatizzaw ma' xi tim barrani biex b'hekk nidħlu iktar fl-ispirtu tal-fażi finali ta' din il-kompetizzjoni internazzjonali. Ovvjament jinteressa ukoll lil xi kappillani, għax il-finali tinzerta ma' xi festa titulari u allura dan inaqqas min-nies li jattendu għall-festa tagħhom. Din is-sena l-isfortuna ser tmiss lill-parroċċa ta' l-Għarb għax il-finali ta' din l-edizzjoni ser tinzerta eżatt fil-festa tagħhom, u waqt li tkun għaddejja l-purċissjoni tkun qed tintlagħab il-finali fil-Luz Stadium ta' Lisbona. L-Għawdxin bla dubju jissieħbu ma' miljuni kbar madwar id-dinja biex isegwu din il-finali.



Apparti li kull min tinteressah din il-finali huwa għax iżomm ma' xi tim partikolari, hemm xi ftit li tinteressahom xi ftit iktar għall-fatt li bħalna jkollhom ix-xorti li ltaqgħu ma' xi personalitajiet sportivi internazzjonali li bla dubju ser narawhom f'din il-fażi finali. Ġa nafu b'esperti u kritiċi tal-logħba li qed jagħmlu t-tbasssir u l-impressjonijniet tagħhom. Bosta huma dawk li jaħsbu u jgħidu min ser ikunu ż-żewġ finalisti u anke dak li possibilment jirbaħ it-trofew li kien issemma għal Henry Delaunay, li kien l-ewwel segretarju ġenerali tal-UEFA u wieħed mill-pijonieri ewlenin fil-twaqqif ta' din l-Għaqda tal-Futbol Ewropeja. Nimmaġina li ġa hawn fanatiċi oħra li l-unur huwa ġa mirbuħ mit-tim favorit tagħhom. Però li ser jgħodd żgur huwa dak li ser jagħmlu l-*players* waqt il-logħbiet fid-diversi *grounds* Portugiżi. Ingredjenti biex il-fażi finali tkun suċċess hemm, biżżejjed insemmu li bosta mir-rebbieħa tal-edizzjonijiet ta' qabel huma hemm fil-fażi finali. Filfatt ir-rebbieħa preċedenti kienu dawn:1960 Russja; 1964 Spanja; 1968 Italja; 1972 Ġermanja tal-Punent; 1976 Ċekoslovakkja; 1980 Ġermanja tal-Punent; 1984 Franza; 1988 Olanda; 1992 Danimarka; 1996 Ġermanja; 2000 Franza. Mela mill-lum nantiċipaw bejn it-



*Joe Bajada mat-Taljan Pierluigi Collina*



*Joe Bajada mal-captain tat-tim nazzjonali Ingliż David Beckham*



*Joe Bajada mal-Ġermaniż Markus Merk*

12 ta' Ġunju u l-4 ta' Lulju li ġejjin, ser ikollna festa ta' futbol għal kważi l-familja kollha.

Nirrepeti li f'pajjiż żgħir bħal tagħna fejn il-futbol huwa limitat u ma nistgħux nilħqu livell mondjali, ma fija xejn ħazin li nuru nteress f'xi tim barrani. Dan wieħed jagħmlu għall-ammirazzjoni ta' logħob ta' livell għoli kif ukoll għal xi *players* stilel li wieħed isib f'pajjiżi ferm kbar. Però huwa ferm importanti li niftakru li l-ħażin huwa dak il-fanatiżmu kbir u żejjed għal tims ta' pajjiżi barranin. Irridu nevitaw dawk il-piki żejda u fuq kollox dawk l-argumenti sħan li bosta drabi jkunu anke banali. Niftakru li t-Tazza tan-Nazzjonijiet Ewropej hija kompetizzjoni ta' logħob ta' futbol. Hu l-futbol huwa *sport*. U l-isport huwa messaġġ u lingwa li jifhimha kulħadd. L-isport m'għandux konfini, jgħaqqad lil parteċipanti ta' kulturi differenti flimkien u b'hekk iġib il-paċi fost il-popli kollha tad-dinja. Minkejja li għadu xi ftit kmieni, aħna nawguraw li din il-festa ta' futbol tgħaqqadna iżjed flimkien bħala poplu wieħed.

## KIF SER JINTLAGĦBU L-LOGĦBIET KOLLHA:

| Belt | Stadium | Timijiet | Logħba | Data | Ħin |
|---|---|---|---|---|---|
| ***Grupp A*** | | | | | |
| Porto | Dragao | Portugal v Grecja | 1 | 12 ta' Ġunju 2004 | 5.00pm |
| Faro/Loule | Algarve | Spanja v Russja | 2 | 12 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Porto | Bessa Sec XXI | Grecja v Spanja | 9 | 16 ta' Ġunju 2004 | 5.00pm |
| Lisbona | Luz | Russja v Portugal | 10 | 16 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Lisbona | Jose Alvalade | Spanja v Portugal | 17 | 20 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Faro/Loule | Algarve | Russja v Grecja | 18 | 20 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| ***Grupp B*** | | | | | |
| Leiria | Dr. M. Pessoa | Svizzera v Kroazja | 3 | 13 ta' Ġunju 2004 | 5.00pm |
| Lisbona | Luz | Franza v Ingilterra | 4 | 13 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Coimbra | Cidade de Coimbra | Ingilterra v Svizzera | 11 | 17 ta' Ġunju 2004 | 5.00pm |
| Leiria | Dr. M. Pessoa | Krozja v Franza | 12 | 17 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Lisbona | Luz | Kroazja v Ingilterra | 20 | 21 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Coimbra | Cidade de Coimbra | Svizzera v Franza | 21 | 21 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| ***Grupp Ċ*** | | | | | |
| Guimareas | D.A.Henriques | Danimarka v Italja | 5 | 14 ta' Ġunju 2004 | 5.00pm |
| Lisbona | Jose Alvalade | Svezja v Bulgarija | 6 | 14 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Braga | Municipal | Bulgarija v Danimarka | 13 | 18 ta' Ġunju 2004 | 5.00pm |
| Porto | Dragao | Italja v Svezja | 14 | 18 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Guimareas | D.A.Henriques | Italja v Bulgarija | 21 | 22 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Porto | Bessa Sec XXI | Danimarka v Svezja | 22 | 22 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| ***Grupp D*** | | | | | |
| Aviera | Municipal | Rep.Ceka v Latvia | 7 | 15 ta' Ġunju 2004 | 5.00pm |
| Porto | Dragao | Germanja v Olanda | 8 | 15 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Porto | Bessa Sec XXI | Latvia v Germanja | 15 | 19 ta' Ġunju 2004 | 5.00pm |
| Aviera | Municipal | Olanda v Rep.Ceka | 16 | 19 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Braga | Municipal | Olanda v Latvia | 23 | 23 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Lisbona | Jose Alvalade | Germanja v Rep.Ceka | 24 | 23 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| ***Kwarti-Finali*** | | | | | |
| Lisbona | Luz | I Gr A v II Gr B | 25 | 24 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Lisbona | Jose Alvalade | I Gr B v II Gr A | 26 | 26 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Faro/Loule | Algarve | I Gr C v II Gr D | 27 | 26 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Porto | Dragao | I Gr D v II Gr C | 28 | 27 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| ***Semi-Finali*** | | | | | |
| Lisbona | Jose Alvalade | Reb 25 v Reb 27 | 29 | 30 ta' Ġunju 2004 | 7.45pm |
| Porto | Dragao | Reb 26 v Reb 28 | 30 | 1 ta' Lulju 2004 | 7.45pm |
| ***Finali*** | | | | | |
| Lisbona | Luz | Reb 29 v Reb 30 | 31 | 4 ta' Lulju 2004 | 7.45pm |



# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

### *Ministru Indjana attakkata bil-qsari! B'intenzjoni tajba!*

Ministru fil-Kabinett Indjan kellha tiddaħħal fi klinika wara li numru ta' ammiraturi tagħha waddbulha għadd ta' fjuri u ward bil-qsari b'kollox! Il-każ seħħ ftit jiem ilu meta l-Ministru Jayalalitha kienet qed tirċievi bukketti ta' ward mingħand attivisti tal-partit. Però tant kien hemm nies mdawwra mal-vettura tagħha, li l-Ministru ma kellhiex ħin tirċievi l-fjuri kollha li kien hemm lesti għaliha. U xi wħud, li kienu fuq in-naħa ta' wara l-folla, ġiethom l-idea li flok jgħaddulha l-qasrija bil-fjuri fiha, iwaddbuhiela direttament! U ġara li xi ħamsa jew sitta minnhom iċċumbawha f'rasha! Wara l-inċident, il-Ministru appellat li mil-lum 'il quddiem se tibda taċċetta biss donazzjonijiet ta' flus għall-partit u mhux aktar ward u fjuri!

### *Ippruvat takkwista vot għall-baqar u għall-kelb!*

Mara minn *Cambridge* ġiet immultata Lm200 wara li nstab li ppruvat tqarraq bil-kummisjoni elettorali meta talbet vot għall-baqar u għall-kelb tagħha. Brenda Gould, li toqgħod fi *Newmarket*, qrib *Cambridge*, instabet ħatja li tat informazzjoni żbaljata u pproduċiet firem foloz. Din kienet it-tieni darba li l-mara ppruvat takkwista vot għall-baqar u għall-kelb tagħha biex anke huma jkunu jistgħu jivvutaw fl-elezzjonijiet!

### *"Nuns on the Run"! Il-kontijiet tawhom f'rashom!*

Hekk kien jgħid titlu miktub b'ittri kbar fil-faċċata ta' gazzetta bl-Ingliż li toħroġ fir-Rumanija. Sitt sorijiet ħarbu mill-kunvent għax ma setgħux iħallsu għadd ta' kontijiet pendenti, fosthom kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma. Qabel ħarbu s-sorijiet għaddew lil qassis *basket* li fih kien hemm il-kontijiet kollha pendenti tagħhom, li jammontaw għal aktar minn Lm10,000. Il-Pulizija Rumena qed tfittex lis-sorijiet.

### *Familja tingħata qabar b'xejn... fuq qabar vojt u talb għal xejn!*

Familja Taljana ngħatat qabar b'xejn wara li nstab li l-membri ta' din il-familja kienu ilhom jitolbu fuq qabar vojt għal 15-il sena. Il-familja, li isimha ma xxandarx, skopriet li uffiċjali taċ-ċimiterju f'*Belfore*, qrib *Varese*, għamlu xi tibdiliet fl-oqbra mingħajr ma ndenjaw jinfurmaw lill-qraba tal-mejtin. Il-familja kienet lesta tressaq il-każ il-qorti però biddlu l-ħsieb wara li l-parroċċa offritilhom qabar b'xejn.



**IS-SALIB LI BAQA' WIEQAF!**

**Fit-2 t'April 1942 (jiġifieri 62 sena ilu) kien ġie bbumbardjat il-Kunvent tal-Kapuċċini fil-Kalkara, waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Fost il-ħerba kollha, is-salib baqa' wieqaf. Tgħid id-dinja moderna f'pajjiżna tħallih hemm?!**


ĦAMIS IX-XIRKA
Jum is-Saċerdoti
Huma joffrulek l-għajnuna tagħhom dejjem.
Tħallihomx nieqsa mill-għajnuna tiegħek...
Agħti l-offerta ġeneruża tiegħek
fil-ġabra li ssir għalihom f'dan il-jum.
L-għotja tiegħek tfisser
Grazzi!




# L-aħħar tħejjija għall-Preċett u l-Griżma

# "IVA NEMMEN"

- Il-Kredu mfisser bi kliem sempliċi għat-tfal, minn Mons. Salv Grima, skond il-Katekiżmu l-ġdid tal-Knisja Kattolika.
- Ktieb ieħor sabiħ fis-sensiela "Katekiżmu għaċ-Ċkejknin", bħala sussidju bażiku u ġenwin fit-tagħlim tad-duttrina, mhux biss għat-tfal imma wkoll għall-ġenituri tagħhom u għall-katekisti.
- Utli ħafna bħala reviżjoni fl-aħħar tħejjija kateketika qabel it-tfal jirċievu l-Ewwel Tqarbina jew il-Griżma ta' l-Isqof.
- Imżewwaq kollu bi stampi attraenti bil-kulur, joffri tagħlim ċar u sod imma b'lingwaġġ sempliċi għat-tfal, bħall-ewwel tlieta li ħarġu f'din is-sensiela ġdida kateketika.










*Jinbiegħu għall-prezz ta' Lm1 il-kopja mingħand il-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex.*

**LC LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS**

**LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE, VICTORIA, GĦAWDEX - TEL: 2156 0496**